**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` Jannar 2016**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 811/06 JZM**

**Mare Blu Tuna Farm Limited (C20565)**

***kontra***

**Dr. Ann Fenech LL.D. nominata b`digriet tal-1 ta` Mejju 2007 bhala Kuratur Deputat a nom tal-vapur assenti MV CoralWater**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-<u>1 ta` Settembru 2006</u> li jaqra :–

*1. Illi fil-lejl tal-Hadd tas-sebgha u ghoxrin (27) ta` Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) ghall-habta tal-hdax bastiment, bl-isem ta` MV CoralWater bin-numru ta` registrazzjoni ta` l-IMO 9004163 irregistrat fl-Olanda, ta` tunnellag gross ta` elf u tmien mija u hamsa u disghin (1895) tunnellati u net ta` tmien mija u wiehed u tmenin (881) tunnellati u ta` tul ta` tlieta u disghin punt erbgha erbgha (93.44) metri, dahal fuq qasam tal-hut (fish farm) proprjeta` tas-*

*socjeta` rikorrenti Mare Blu Tuna Farm Company Limited, li tinsab madwar erbgha mili nawtici `l boghod mill-kosta Maltija ta` Marsascala, u kkaguna diversi sarta ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici zzomm, trabbi u thaxxen tonn f`dan il-qasam tal-hut sabiex ikun mibjugh u esportat barra minn Malta ;*

*3. Illi b`kagun tal-hsarat ikkagunati mill-bastiment fl-incident mertu ta` din il-kawza t-tonn li kien hemm f`wahda mill-gaggeg ta` dan il-qasam tal-hut, proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti, harab u nfirex fl-ibhra ta` madwar bir-rizultat li ma jistax jinqabad u ghalhekk bil-konsegwenza li t-tonn huwa mitluf ;*

*4. Illi ghalhekk il-hsarat u d-danni fil-qasam tal-hut jikkonsistu fost ohrajn fis-segwenti :*

*(a) Telf ta` bejgh ta` madwar mitejn tunnellata metrika ta` tonn li harab mill-gaggeg tal-qasam ;*
*(b) Madwar tmenin tunnellata ta` ikel ghal hut ;*
*(c) Diversi bagi mitlufa ;*
*(d) Mijiet ta` metri ta` hbula mqatughin ;*
*(e) Diversi pajpijiet imkisrin ;*
*(f) Diversi ktajjen mitlufa ;*
*(g) Xbieki mqatghin.*

*5. Illi s-socjeta` rikorrenti kontinwament tassigura sabiex il-qasam tal-hut, proprjeta` taghha, hija ben vizibbli ghal bastimenti ghaddejjin f`dawk l-ibhra, permezz ta` bagi, dawl u bastimenti, proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti ;*

*6. Illi apparti l-prekawzjonijiet il-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti sabiex jigi evitati incidenti bhal dak mertu tal-kawza, il-Gvern Malti pogga wkoll diversi bagi li juru l-parametri tal-qasam tal-hut f`dawk l-akkwati fejn sehh l-incident mertu ta` din il-kawza ;*

*7. Illi apparti dawn il-prekawzjonijiet il-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti tkun immarkata fuq ir-radar ta` kull bastimeni li huma ghaddejjin f`dawk l-ibhra ;*

*8. Illi l-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti ghandha tkun immarkata fuq il-karti ta` navigazzjoni ta` kull bastiment li tkun ghaddejja minn dawk l-ibhra, u li ghandhom ikunu aggornati minn zmien ghal zmien ;*

*9. Illi l-unika mod li l-bastiment MV CoralWater seta` dahal fuq il-proprjeta` tas-socjeta` attrici huwa permezz ta` traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli ;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tiddikjara li l-incident mertu ta` din il-kawza kien unikament tort tal-bastiment intimata MV CoralWater u sehh minhabba traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli ;*

*2. Tillikwida d-danni subiti mis-socjeta` attrici ;*

*3. Tordna lil bastiment MV CoralWater thallas id-danni hekk likwidati lis-socjeta` attrici.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat l-Av. Dr. Ann Fenech bhala mandatarja tal-bastiment assenti MV Coral Water fid-9 ta` April 2007 li taqra hekk :–

*Illi hi giet notifikata bir-rikors tal-attur f`liema rikors l-attur ghamel tlett talbiet fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.*

*Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet li :-*

*1. L-allegat incident ma sehhx b`tort tal-bastiment intimat u anqas u anqas ma sehh b`xi traskuragni grossa jew b`xi konsapevolezza li l-allegat incident kien probabbli, kif qed tallega s-socjeta` attrici.*

*2. L-allegat incident sehh semmai minhabba t-traskuragni u n-negligenza tal-istess socjeta` rikorrenti.*

*3. Is-socjeta` attrici ma stabbilitx li t-telf tal-hut li qed tallega fil-fatt*

*gie kkagunat mill-allegat incident.*

*4. Mhux minnu li s-socjeta` attrici sofriet l-allegati danni minhabba xi tort tal-bastiment intimat.*

*5. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, anki jekk ghall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-bastiment intimat ghandu xi responsabbilta` ghall-incident, il-bastiment intimat ghandu d-dritt jillimita r-responsabilta` tieghu u peress li huwa ta` anqas minn 2000 tunnellata gross, l-istess bastiment ghandu d-dritt jillimita kwalunkwe responsabbilta` li ghandu ghall-mhux aktar minn 1,000,000 special drawing rights, ekwivalenti ghal cirka Lm485,889 (erba` mija hamsa u tmenin elf u tmien mija u disgha u tmenin liri Maltin). Dan id-dritt tal-bastiment intimat johrog mill-att legali 361 tal-2003, kif emendat permezz tal-att legali 103 u 261 tal-2004, liema atti legali japplikaw ghal Malta u jinkorporaw fil-ligi Maltija l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar "Limitation of Liability for Maritime Claims 1976" kif emendata mill-Protocol tal-1996 (dokumenti hawn annessi u mmarkati AF1 u AF2).*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati bl-aktar rispett lejn l-awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta noe, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Giovanni Cappitta u ta` Jang Byeong Hwa.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Kaptan Mark Chappell u tal-Kaptan Richard Degabriele fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Dr Anthony Gruppetta fl-udjenza tas-7 ta` April 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Kaptan Mark Chappell fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u rat id-dokument li pprezentat is-socjeta` attrici fl-istess udjenza.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Peter Paul Spiteri fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Robert Borg fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Dr Anthony Gruppetta fl-udjenza tat-30 ta` April 2009, u rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt l-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-Kaptan Richard Gabriele fl-udjenza tat-18 ta` Frar 2010.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Carmel Vella u z-zewg dokumenti li kienu annessi.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Roberto Mielgo Bregazzi u ta` Hans E. Becht, bid-dokumenti annessi.

Semghet ix-xiehda ta` l-Kaptan Hans Becht, ta` Peter Paul Spiteri u ta` Roberto Mielgo Bregazzi fl-udjenza tat-2 ta` Novembru 2010 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Kaptan Mario Grech u tal-Ing. Paul Cardona, flimkien ma` dokumenti, li kienu prezentati fl-udjenza tas-7 ta` Frar 2011.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-Kaptan Mario Grech fl-udjenzi tat-28 ta` April 2011 u tal-14 ta` Novembru 2011.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat il-konvenuta noe fis-17 ta` Novembru 2011.

Semghet ix-xiehda in ri-ezami tal-Kaptan Mario Grech u x-xiehda in kontroezami tal-Ing. Paul Cardona fl-udjenza tas-7 ta` Frar 2012, kif ukoll rat id-dokument li pprezenta l-ewwel xhud.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm illi ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta` April 2013.

Rat id-digriet li tat fl-istess udfjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

**Giovanni Cappitta** – direttur tas-socjeta` attrici – xehed illi l-Hadd 27 ta` Awissu 2006, kien hemm incident fejn il-bastiment MV Coral Water dahal go qasam tal-hut, proprjeta tas-socjeta` attrici. Dan il-fish farm jinsab erba` (4) mili nawtici boghod minn Zonqor Point, Marsascala. Wara l-incident huwa mar fuq il-post, u sab dan l-bastiment mwahhal mal-qasam tal-hut. Il-qasam jikkonsisti minn ghaxar (10) gaggeg ; hemm jinzamm, jitrabba u jithaxxen it-tonn tat-tip "*blue fin*" ghall-esportazzjoni. Fil-gaggeg jitqieghed il-hut li s-socjeta` attrici tkun xtrat minghand is-socjeta` estera Ricardo Fuentes E Hijos SA li taqbad il-hut fil-Mediterran.

Stqarr illi l-qasam tal-hut huwa ben vizibbli ghall-bastimenti u s-socjeta` attrici tassigura kontinwament li dan ma jkunx ta` periklu ghall-bastimenti li jghaddu minn hdejh. Hemm diversi bagi posizzjonati fil-perimetru tal-qasam tal-hut. Hemm ukoll il-bastimenti MV Daniela u MV Graciella li jkunu hdejn il-qasam il-hin kollhu. Fuq il-bagi hemm dawl li jkun mixghul matul l-lejl. Meta gara l-incident kien hemm dawn l-bagi bid-dawl li juru ezattament fejn qieghed il-qasam tal-hut. Minbarra l-bagi tas-socjeta attrici, aktar `il barra l-Gvern ta` Malta mmarka din z-zona bhala zona ta` akwakultura li hija protetta u li fiha hadd ma jista` jidhol. Iz-zona ta` akwakultura tkun immakrata fuq ir-radar ta` kull bastiment li jkun ghaddej fiz-zona.

Kagun tal-incident, il-bastiment MV Coral Water ikkaguna hsara estensiva fuq gagga numru 7, kif jidher minn Dok GC 1.

Xehed illi kien ghal habta ta` 11.00 p.m. illi cemplulu l-kaptani tal-MV Daniela u MV Graciella, li qalulu li raw bastiment jinnaviga fid-direzzjoni tal-qasam tal-hut. Ghalkemm ippruvaw javzawh bil-periklu, l-MV Coral Water xorta wahda baqa` diehal fil-qasam tal-hut. Huwa cempel lill-ghaddassa tieghu li marru fuq il-post u raw l-MV Coral Water hdejn il-gagga numru 7. Il-bastiment

kien imwahhal ghaliex laqat ic-cimi tal-gagga li tqabbdu mal-iscrejjen tal-bastiment. Billi kien id-dlam ma setghux jaraw xi hsara kienet saret. Kmieni filghodu rega` marru fil-fish farm u l-ghaddassa tieghu avzawh li kien hemm hsarat estensivi. Ix-xibka tal-gagga tqattghet u harab il-hut li kien hemm fil-gagga.

Fuq rapport tal-ghaddassa, l-istima tal-hsara kienet din :-

i) Telf ta` bejgh ta` 207 tunnellata ta` tonn tat-tip "blue fin" :
€ 1,863,000 ;

ii) Madwar 80 tunnellata ikel ghal hut :
€ 57,333.33 (ara fol 47) ;

iii) Baga wahda :
€ 800 ;

iv) 920 metru ta` hbula ta` diametru ta` 52 mm :
€ 2,264.95 ;

v) 220 metru ta` hbula ta` diametru ta` 72 mm :
€ 900 (ara fol 50) ;

vi) tlett ijiem xoghol :
€ 71,718.47 (ara fol 83) ;

vii) pipe :
€ 979 ;

viii) zewg chain swivels :
€ 170 ;

ix) ring wahda :
€ 146.33 ;

x) xibka ta` 50 metru :
€ 33,420

Riskontrati dawn id-danni, sar rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta` B`Bugia. Saret inkjesta magisterjali. U fuq istanza tas-socjeta` attrici, sar mandat ta` impediment tat-tluq tal-bastiment konvenut.

Id-danni tas-socjeta` attrici jammontaw ghal € 871,090.80.

**Jang Byeong Hwa** - Kaptan tal-bastiment MV Graziella – xehed illi fis-27 ta` Awissu 2006, il-bastiment tieghu kien ankrat madwar erba` (4) mili nawtici minn Zonqor Point, Marsascala, hdejn il-qasam tal-hut proprjeta tas-socjeta` attrici. Ix-xoghol taghhom kien illi jitimghu l-hut u jissorveljaw il-qasam. Fil-lejl tas-27 ta` Awissu 2006, jiftakar illi fl-10.30 pm ir-radar lemah bastiment iehor li kien biswit t-tliet (3) mili nawtici mill-qasam tal-hut. Induna li dan il-bastiment kien sejjer lejn dan il-qasam u beda jghajjat lill-bastiment fuq Channel 14, li hija l-frekwenza ta` emergenza fuq r-radju VHF. Hdejn il-bastiment tieghu, kien hemm bastiment iehor MV Daniela li tassisti fl-istess xoghol. Anke l-kaptan ta` dak il-bastiment, Lee Jong Pyung beda jghajjat lill-kaptan tal-bastiment MV Coral Water. Wara numru ta` tentattivi inutli, l-bastiment konvenut xeghel is-search light, u ra li l-MV Coral Water kien dahal fil-qasam tal-hut. Wara ftit il-kaptan tal-bastiment konvenut ghamel kuntatt permezz ta` radju u qalilhom illi l-bastiment kien dahal madwar sebghin (70) metru fil-qasam tal-hut u lix-xibka kienet inqabdet fl-iscrejjen tal-bastiment. Huwa ghamel kuntatt ma` Valletta Port Control u mad-diretturi tas-socjeta` attrici sabiex javzahom bl-incident. Sostna li minn meta kien identifikat l-MV Coral Water fuq ir-radar, tlett (3) mili `l barra mill-qasam tal-hut sakemm gara l-incident ghaddew hmistax (15) –il minuta.

**Kaptan Mark Chappell** – Technical Manager mal-Awtorita` Marittima ta` Malta – xehed illi l-Awtorita` Marittima ghandha l-obbligu li tinforma li zona fl-ibhra Maltin hija rizervata ghall-oqsma tal-hut. Isiru mapep fejn ikunu l-oqsma. Fuq il-mapep ikunu mmarkati l-oqsma, u anke jekk ikun hemm xi dwal maghhom. Skond il-Collision Regulations, fejn hemm qasam tal-hut, id-dawl ghandu jkun isfar. Id-dwal jimmarkaw l-estensjoni tal-qasam tal-hut. Ghalhekk jekk il-qasam ikun kwadru, id-dwal jitqeghu fil-kantunieri ; jekk ikun tond, allura jitqeghdu fic-cirkonferenza tieghu. Skond ir-regolamenti kull vapur ghandu jkollu l-Automatic Identification System (AIS) sabiex kull fejn jidhol go port ikun jista` jigi identifikat. Il-kompitu tieghu huwa l-investigazzjoni ta` incidenti.

Qal illi l-bastiment konvenut huwa vapur zghir. Il-bridge tieghu ma jkunx gholi hafna. Ghalhekk ma jkollu vizibilita` fit-tul. Suppost li jkollu radar sabiex jurih dak li hemm madwaru ; jekk ma jkunx hemm radar, bir-reflectors ikun difficli li tara fil-maltemp. Fuq il-charts suppost li jkun hemm immarkat il-qasam tal-hut. Jista` jigri pero` illi ghaliex hemm diversi skali ta` charts, iktar ma tidhol qrib l-art, iktartickien l-iskala. Jekk il-bastiment kien qrib l-art, suppost li uza skala ta` chart li tkun adegwata ghaz-zona li fejn kien qed jopera. Bhala fatt ma kienx jaf l-iskala kien qed juza l-kaptan tal-bastiment konvenut fil-waqt tal-incident.

**Fil-kontroezami**, il-Kaptan Chappell xehed illi jista` jkun li fuq l-chart il-qasam tal-hut ma jkunx jidher, u dan ghal zewg ragunijiet : fl-ewwel lok, minhabba l-iskala tal-chart ; u fit-tieni lok ghaliex meta johrog l-avviz li hemm

qasam tal-hut, mhuwiex rikjest li johrog fuq chart partikolari. Qal illi jekk l-iskala kienet 2126, hemm possibilita` li l-qasam tal-hut ma deherx. Il-korrezzjonijiet fuq ic-charts isiru kontinwament ; mhux necessarjament li jaslu fil-hin. Dwar il-fatt li l-bastiment in kwistjoni kien bastiment zghir u seta` ma rax il-qasam tal-hut, ix-xhud fisser illi kollox jiddependi minn kemm kellu dawl fuqu l-qasam tal-hut partikolari, u kemm kien qed jahdem id-dawl istallat ; id-dawl jahdem bil-batteriji li jikkarikaw ruhhom. Dak li seta` jara l-bastiment kienet id-distanza li tippermetti l-vizibilita` tat-tondjatura tad-dinja fil-boghod. Huwa obbligu tal-qasam tal-hut li jaccerta ruhu li d-dwal tieghu jkunu qeghdin jahdmu.

Kompla xehed illi r-radar huwa strument li jibghat pulse ta` radio ; jekk dan jahbat ma` xi haga jirritorna u l-istrument ikun kapaci jistabilixxi d-distanza ta kemm dik il-haga tkun `il boghod. Il-fatt li jkun hemm radar reflector fuq l-qasam tal-hut huwa necessita` sabiex jekk xi hadd ikun ghaddej fil-qrib, il-pulses jigu ritornati, ghaliex minhabba l-bahar, u ghaliex il-fish farm ikun fil-baxx, wiehed ma jkunx jista` jarah. Preferribilment ir-radar reflectors ghandhom ikunu fil-gholi sabiex iktar ikun hemm possibilita` li jgi lura echo, u li *jkun in a catch rain position.*

Mistoqsi jekk fic-cirkostanzi tal-kaz, setax ir-radar jiehu dan il-pulse, ix-xhud wiegeb illi jista` jkun illi jirrispondi li jista` jkun li rawh pero` trid tkun quddiem ir-radar il-hin kollu. It-target ikun dghajjef u allura ma jaghtux daqshekk kaz, ghaliex ma jkunx perikoluz. Dwar l-obbligu tal-AIS, ix-xhud stqarr illi ilu fis-sehh certament mill-2005.

**Fir-riezami**, ix-xhud ikkonfema li l-bastimenti jistghu jikkomunikaw bejniethom bl-AIS u bir-radio VHF. Il-vapur irid izomm miftuh il-kanal 16 tal-VHF, li huwa l-kanal tal-emergenza.

**Kaptan Richard Degabriele** - Harbour Master fid-Direttorat tal-Portijiet – xehed illi l-Awtorita` Marittima ta` Malta tidhol fil-kwistjoni tal-oqsma tal-hut, wara li ssir l-applikazzjoni mal-MEPA. Huma jidhlu sabiex jiffinalizzaw il-posizzjonijiet halli johorgu l-avvizi necessarji. Id-decizjoni fejn jitqieghed qasam tal-hut tittiehed mill-MEPA. Il-kriterju adoperat huwa jekk il-qasam huwiex sejjer jaffettwa n-navigazzjoni tal-vapuri inkella le. Isiru numru ta` kondizzjonijiet lill-fish farm, fosthom li jsir id-dawl mehtiega. Fil-kaz tas-socjeta` attrici, iz-zona twaqqfet mid-Dipartiment tas-Sajd u kien dan id-Dipartiment li ghamel il-kondizzjoni li jsiru bagi fuq il-perimetru ta` barra tal-qasam tal-hut. Fuq il-bagi jkun hemm id-dawl, li jigi kontrallati perjodikament. Fil-kaz in partikolari gieli kien hemm problemi bid-dwal.

**Fil-kontroezami**, xehed illi l-Hydrographic Department huwa

responsabbli biex jaghmel supervizjoni u jaghmel r-rapport. Jekk ikun hemm xi passi x`jittiehdu huwa jikteb direttament lil min hu responsabbli. Huwa dejjem kiteb lid-Dipartiment tas-Sajd. Huwa ghalhekk l-obbligu ta` dan id-Dipartiment li jzomm id-dwal u l-bagi mixghulin kif suppost. Iz-zamma tad-dwal tal-perimetru ta` barra huwa responsabilita` tad-Dipartiment tas-Sajd. Fejn jidhlu l-gageg specifici, dak huwa obbligu ta` l-operatur.

Stqarr illi fil-kaz mertu ta` din il-kawza ma setax ighid jekk ir-radar reflectors kienux imqabbdin tajjeb jew le. Giet prezentata chart markata Dok MC1, fejn l-iskala hija ta` 1 : 100 (one is to one hundred), li hija shala zghira. Fuq ic-chart jidher li kien hemm qasam tal-hut, ghalkemm ma setax ighid fic-cert kienx dak involut fil-kawza tal-lum. Fisser illi qabel kaptan ta` bastiment jibda l-vjagg, irid ihejji l-passage plan tieghu. F`dan l-istadju huwa jrid jiddentifika l-hwejjeg kollha nkluz fish farms u cirkostanzi ohra li jista` jsib fil-passagg tieghu u jidentifikahom. Fil-kaz tal-lum jidher li l-bastiment konvenut iddevja mill-pjan originali u ghamel tentattiv sabiex jerga` jaqbad ir-rotta originali. Ighid illi huwa normali li bil-lejl tinzamm ghassa fuq il-vapur minn fizzjal. Biss meta jsir il-hin biex tqajjem lil persuna li se tkun tal-ghassa wara, ighaddi xi zmien fejn ikun irid jitlaq mill-ghassa tieghu ; ghalhekk ikun hemm mumenti meta ma jkun hemm hadd. Taht cirkostanzi normali, u cioe` meta l-vizibilita` ma tkunx ridotta, ma jkunx hemm maltemp, id-dwal ikunu jiffunzjonaw, u r-radar reflectors kienu fil-post, allura l-qasam tal-hut ikun jidher.

Qal illi meta d-Dipartiment tas-Sajd iddecieda fejn iqieghed l-oqsma l-hut id-Dipartiment kien ikkonsulta mal-Awtorita` Marittima. Muri Dok RG1 ix-xhud ikkonferma li z-zona mmarkata bl-ahmar huma l-bunkering zones ; fejn hemm immarkat bil-blu hija z-zona kollha tal-akwakultura. Il-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici huwa parti miz-zona l-blu. Hemm tlieta (3) jew tlieta punt hamsa (3.5) mili nawtici bejn il-bunkering zone u z-zona tal-qasam tal-hut. Ighid illi kien hemm incidenti ohra li graw f`din iz-zona, izda l-Awtorita` qatt ma qieset li ccaqlaq l-oqsma ta` l-hut.

Dwar il-fatt li l-bagi kellhom ikunu vizibbli ghal hames (5) mili nawtici ix-xhud stqarr illi l-materja hija regolata bil-Layala Standards, li huma standards internazzjonali. Muri d-disinn tal-bagi li kellhom jintuzaw qal illi dawk huma l-bagi li jintuzaw ghal dak it-tip ta` sinjal : a special mark bit-topmark. It-topmark huwa t-tip ta` dawl li huwa flashing ; il-manifattur jiddikjara illi l-baga tkun konformi mal-Layala Standars. Dawn ikunu bagi sofor li jkollha X bhala topmark ;ghalhekk tkun special mark. It-tqeghid u l-manutensjoni tal-bagi hija responsabbilita` tad-Dipartiment tas-Sajd. Bhala regolatur, l-Awtorita` ghandha sistema fejn taghmel regular checks : kemm ta` materji li huma responsabilita` taghha, kemm dawk li mhumiex. L-Awtorita` kienet tipprova taghmel kontrolli kull xahar jew kull hames gimghat. Jekk isibu xi rregolarita` jiehdu nota. Jekk isir rapport kien hemm dawl mitfi jew li baga tkun iccaqalqet minn postha,

allura l-Awtorita` tohrog navigational warning to shipping ; u mal-ewwel opportunita` jmorru fiz-zona biex jaraw. Wara li johrog l-avviz, jekk id-dwal ikunu tad-Dipartiment tal-Sajd, huma javzawhom sabiex jiehdu l-passi necessarji. In-navigational warning isir jew permezz tar-radju VHF jew inkella tramite n-Navtax li huwa navigational telex li kull vapur ikollu abbord.

Mistoqsi ghaliex l-Awtorita` tesigi li jkun hemm dawl mal-perimetru kollhu taz-zona tal-qasam tal-hut, ix-xhud fisser illi huma kienu hadu decizjoni li jimmarkaw z-zona kollha ghalkemm kienet qed tintuza parti biss minnha. L-Awtorita` ma tesigix illi kull fish farm individwali jkollu d-dwal. Hemm l-possibilita` li jekk ikun hemm imbatt qawwi, il-baga titghatta, u d-dawk jitghatta mill-mewg. Kif jidher mid-disinn, id-dijametru ta` l-bagi huwa ta` 2.2 metri u l-float huwa ta` 1.7 metri. Il-float huwa c-cilindru li joqghod fil-wicc, u mbaghad fuqu, ikun hemm struttura qisha torri bid-dawl fuqha. Din l-istruttura mbaghad taqbez l-gholi ta` zewg (2) metri mill-float.

**Fir-riezami,** ix-xhud spjega illi l-bagi huma ndipendenti minn xulxin. Mistoqsi jekk fil-bagi kien hemm mekkanizmu li jekk tmur bozza din tinbidel awtomatikament, ix-xhud wiegeb fin-negattiv ghaliex kull baga jkollha bozza wahda biss ; jekk din tmur, trid jew tbiddel il-bozza jew il-unit kollu. Mill-esperjenza tieghu ighid illi ma jafx li hemm bagi li ghandhom sistema awtomatika li tibdel il-bozza.

**Dr Anthony Gruppetta** - Direttur Generali : Servizzi Veterinarji, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd – xehed illi sal-2004, operatur li kien interessat fl-attivitajiet ta` l-akwakultura kien japplika mal-MEPA ghal permess tal-izvilupp. Kienu jsiru konsultazzjonijiet mad-dipartimenti kollha. Wara l-2004, huwa japplika ghal permess ta` l-izvilupp f`isem id-Dipartiment jew f`isem il-Ministru ; imbaghad huma jaghtu l-koncessjonijiet jew kuntratti lill-operaturi. Is-socjeta attrici kellha diversi applikazzjonijiet mal-MEPA qabel l-2004, li pero` ma kienux gew ikkunsidrati ghaliex kien se jkun hemm din il-bidla fil-policy.

Stqarr illi wara studju ta` diversi zoni, kienet identifikata zona ta` sitt (6) kilometri bi tlieta (3) li titlaq bi dritt minn Ricasoli u tibqa` niezla sa Delimara, u tigi sa tlett (3) kilometri `l barra mill-kosta. Imbaghad giet identifikata l-ahjar parti minn din z-zona. Fl-ahhar gie wzat kilometru u nofs ta` fuq minn din iz-zona li beda jintuza minn diversi operaturi, is-socjeta` attrici. L-operaturi kellhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-permess ta` l-izvilupp li harget il-MEPA, bhal per ezempju li ma jistghux jokkupaw iktar minn certu spazju fil-wicc u fil-qiegh.

Billi z-zona kienet tad-Dipartiment tas-Sajd, ix-xhud fisser illi l-bagi senjaletici fuq il-post tpoggew mid-Dipartiment. Il-perimetru huwa mmarkat

biss b`sitt (6) bagi jixghelu. Dawn ghandhom dwal fuqhom li jrid jidher minn distanza ta` zewg (2) kilometri. Is-socjeta` attrici mbaghad ikollha l-bagi taghha, li huma l-bagi tal-mazzri, li qeghdin gewwa l-perimetru ta` dwal. Huwa l-perimetru li jkun mmarkat, imbaghad il-gageg, ir-rings li jkunu metru `l fuq mill-ilma, ikollhom dwal zghar li jteptpu biex jimmarkaw li hemm xi haga fil-bahar. Iz-zona tkun immarkata wkoll fuq il-mapep nawtici.

**Fil-kontroezami**, Dr Gruppetta kien muri Dok AG1. Ikkonferma li z-zona mmarkata bl-isfar hija zona tal-akwakultura ; il-kaxxa sewda zghira go fiha hija l-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici. Ipprezenta Dok AG2, li juri z-zona kollha originali ; fiha hemm immarkati diversi siti ohra. Dawn huma bunkering areas, li huma waiting areas ghal vapuri qabel jidhlu fil-port. Meta sar l-istudju taz-zona tal-akwakultura, il-bunkering areas kienu gew diskussi bejn l-stakeholders kollha nkluz l-Awtorita` Marittima, il-Ports Control u anke s-sajjieda. Eskluda li dawn il-bunkering areas huma vicin wisq iz-zona tal-akwakultura. Fiz-zona li tikkomprendi s-socjeta` attrici, kien hemm zewg incidenti. Incidenti ohra graw `il gewwa mill-bunkering areas li qeghdin aktar vicin ix-xatt.

Dwar s-sitt (6) bagi li huma madwar il-perimetru taz-zona tal-akwakultura, ix-xhud fisser illi erbgha (4) minnhom qeghdin fil-kantunieri tal-kaxxa s-safra ; fil-linja orizzontali intermedjarja fin-nofs, hemm zewg (2) bagi ohra. Dawn l-bagi ghandhom dwal intermittenti skond l-ispecifications tal-Awtorita` Marittima. Huma ma jikkontrollawx id-dwal ta` dawn il-bagi regolarment. Li jsir huwa li meta n-nies taghhom imorru jaghmlu spezzjoni tal-fish farms, jikkontrollaw dawn d-dwal ukoll. M`ghandhomx log ta` meta ssir il-manutenzjoni tad-dwal.

Qal illi kien hemm ftehim bejn l-operaturi li ghandhom koncessjoni fiz-zona u d-Dipartiment li jirrifletti hafna mill-kondizzjonijiet li d-Dipartiment ghandu minghand il-MEPA. Ipprezenta Dok AG4 li huwa kopja ta` l-ftehim. Id-dokument mhux iffirmat ghaliex sa` dak il-mument ghalkemm kien sar d-depozitu tal-flus, ma kienx gie ffirmat, ghalkemm qed jigi osservat. Muri Dok. CM6, spjega illi dik hija t-talba li saret lis-socjeta` attrici ta` dak li kellha taghmel sabiex tinghata l-koncessjoni. Mistoqsi jekk is-socjeta` attrici kellhiex l-obbligu li jkollha xi dwal, ix-xhud wiegeb li ma kellhiex dak l-obbligu ghaliex z-zona kollha delineata bl-isfar Dok AG1 hija zona rizervata ghall-akwakultura u mmarkata skond r-regolamenti marittimi. Il-fatt li l-fish farm ikollu dwal huwa parti min-navigation lights u l-marking lights li huma responsabbilita` tal-Awtorita` Marittima. Hija l-Awtorita` Marittima li taghmel kondizzjonijiet lill-operaturi tal-fish farms, u mhux d-Dipartiment.

Muri nautical chart 176, ix-xhud stqarr illi z-zona tal-akwakultura mhijiex immarkata. L-ispecifikazzjonijiet tal-bagi jinghataw mill-Awtorita`

Marittima. Ipprezenta notice to mariners nru 6/2006 (Dok AG7) ; dan huwa l-avviz ufficjali ta` fejn tinsab iz-zona. Ipprezenta ittra mill-Awtorita` Marittima datata 16 ta` Marzu 2006 li taghti l-ispecifikazzjonijiet tal-bagi (Dok AG8). Ipprezenta ittra ohra tal-istess Awtorita` tas-17 ta` Marzu 2006 li tghid li l-marker buoys iridu jkunu jidhru ghal hames (5) mili nawtici (Dok AG9). Ipprezenta disinn tal-bagi li nxtraw u li tpoggew hemm (Dok AG10), kif ukoll pjanta li ntuzat waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet li turi l-bunkering zones ta` gewwa, il-waiting areas, u t-tipi differenti tal-habitat ta` qiegh il-bahar (Dok AG11). Dwar d-disinn tal-bagi, dan ghaddieh lill-Awtorita` ghall-konferma ta` jekk kienux tajbin ; it-twegiba li kellu kienet li huma n-normali. Il-bagi twahhlu qabel saru l-gageg.

**<u>Fir-riezami</u>**, Dr Gruppetta xehed illi n-notice to mariners jitpogga mill-Awtorita` Marittima fuq il-charts internazzjonali.

**<u>Peter Paul Spiteri</u>** xehed illi huwa jiehu hsieb il-manutensjoni tal-fish farm. Hemm sitt (6) bagi tal-Gvern huwa sitta. Is-socjeta` attrici ghandha tmien (8) bagi taghha li jimmarkaw il-qasam tal-hut. Fil-bagi hemm d-dwal ; kien hemm sittax (16) jew tmintax (18) –il bozza. Fuq kull gaga kien hemm tmien (8) radar reflectors ; minbarra dan, il-baga minnha nnfisha tirrifletti. Id-dwal kollha jahdmu bl-energija tax-xemx, u meta tinharaq bozza, iddur u titla` ohra. Go kull wahda ikun hemm madwar sitta (6) jew tmienja (8). Il-vapuri li jkunu ghassa hemm javzaw jekk xi wahda minn dawn id-dwal ma tkunx qed tahdem. Id-dwal fuq barra jaghtu flashes u ghalhekk juru li hija zona ristretta ; id-dwal ta` gewwa teptpu l-hin kollu. Id-dwal ta` barra huma tal-kulur orange, id-dwal ta` gewwa huma sofor, u tal-gaggeg huma bojod.

Kompla stqarr illi l-qasam tal-hut huwa marbuta fis-sens li hemm l-ankri bil-katina li minnhom ikun hemm l-hbula li jintrabtu mal-grid tal-gageg. Fil-fish farm in kwistjoni, hemm (100) mitt ankra. Il-piz totali huwa ta` madwar tliet mitt (300) tunnellata. Il-bagi huma 2.5 metri `l fuq mill-bahar u ghalhekk jidhru anke fil-maltemp. Il-gageg ghandhom dijametru ta` hamsin (50) metru u jistghu jiccaqalqu l-aktar sa hames (5) metri. Kull chart u GPS jimmarka l-posizzjoni tal-qasam tal-hut ; ghalhekk ma tistax tghaddi minn dik z-zona. Qasam tal-hut ikun immarkat bhala zona kwadrata.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, ix-xhud spjega illi ladarba d-dijametru tal-gagga huwa ta` hamsin (50) metru, ic-cirkonferenza ta` l-gagga tkun ta` bejn 150/160 metru. Fuq din ic-cirkonferenza jkun hemm (3) tlieta jew erbgha (4) dwar fuq kull gagga u jkunu maqsumin kull 180 grad fic-centru. Dawn id-dwal huma solar ; meta jkun maltemp jew ma jkunx hemm xemx idumu mixghulin madwar sittax (16) –il siegha. Ir-radar reflectors jitpoggew fit-tarf ta` barra tal-gagga, u ghalhekk kull gagga jkollha radar reflector wiehed. Dan ikun imqabbad mal-gagga permezz ta` pipe tal-istainless steel ta` 2/3 metri, u ghandu dijametru ta`

hamsin (50) mm.

Ikkonferma li wara l-incident mertu ta` din il-kawza kien hemm incident iehor.

Muri r-ritratt a fol 309, ix-xhud stqarr illi fuq il-gageg hemm pipes tal-istainless steel u fuq in-naha ta` fuq taghhom hemm dawl ; b`kollox hemm sebgha (7).

**Robert Borg** ikkonferma r-rapport a fol 82 et seq tal-process.

**Kaptan Hans E Becht** – Kaptan tal-MV Coral Water – xehed illi ghall-ahhar vjagg ta` qabel l-incident de quo, huwa minn Porto Torres fil-Gzira ta` Sardinia fil-25 ta` Awissu 2006 ghal habta tat-3.00 p.m. lejn Tuzla fit-Turkija. Kellu jieqaf Malta ghall-bunkering. Il-bastiment kien *in ballast.* Fis-27 ta` Awissu 2006 fis-2.00 p.m., wasal Malta ; kienu qed juzaw chart 2123 – Dok AF1. Irrappurtaw lil Valletta Port Control li kienu gejjin Malta biex jiehdu bunker u nfurmawhom li kellhom jaghmlu kuntatt mal-barkun tal-bunkering. Huwa ma kienx prezenti meta l-ewwel u t-tieni fizzjali tal-bastiment ghamlu dawn il-kuntatti. Il-bahar kien moderat b`rih forza erbgha (4) mill-majjistral. Mill-barkun gew infurmati illi t-trasferiment tal-bunkers kien se jsir fil-posizzjoni 35,51 tramuntana u 014,36 lvant. Kellhom jistennew sakemm ircevew aktar struzzjonijiet. Dak il-hin it-tieni fizzjal infurmah li dik il-posizzjoni ma kenitx mmarkata fuq ic-chart li kienu qed juzaw u ghalhekk bidlu ghal chart BA 176 – Dok AF2. Ghal habta tal-5.30 p.m., kienu fix-xlokk tal-posizzjoni li tawhom u ghalhekk dawru l-vapur lejn il-majjistral u bdew miexjin bil-mod hafna lejn il-posizzjoni li tawhom. Ircevew struzzjonijiet mill-barkun li setghu jipprocedu ghall-posizzjoni miftehma.

Kompla stqarr illi fis-6.05 p.m., ankraw u l-bunkering beda ghas-7.00 p.m. u ntemm fid-9.35 p.m. Fl-10.00 pm, bdew itellghu l-ankra u fl-10.15 pm, bdew iduru ghar-rota taghhom kif indikata fic-chart BA 176. Infurmaw lil Valletta Port Control li kienu qed jitilqu mill-posizzjoni taghhom u sejrin lejn Tuzla. Waqt li kienu qed isiru l-operazzjonijet ta` bunkering, ighid li huwa kien fuq il-pont jikkmanda l-vapur u mieghu kien hemm l-ufficjal Martijn Mantx u bhala lookout AB Do Rosario. Dar madwar 35 grad sabiex jkun fir-rotta stabbilita u kienu ghaddejjin b`velocita` ta` madwar tmien (8) knots. Fuq ir-radar induna li kien hemm zewg (2) echoes. Dehru li kienu zewg vapuri ankrati ; ghalhekk evitahom u zammhom fuq in-naha tal-lemin tal-vapur tieghu u cioe` *starboard.* Wara li ghaddew iz-zewg vapuri li kienu ankrati, dawru l-vapur lejn il-grigal. Dan il-mument il-bahar kien tela` ghal forza hamsa (5) bil-mewg gholi bejn it-tnejn (2) jew tliet (3) metri. Fil-10.40 p.m., raw xi dwal zghar, u rrealizzaw li probabilment kienu qed jimmarkaw xi xbieki. Dak il-mument haseb li kienet

xibka twila li kienet qeghda f`qiegh il-bahar. L-imbatt dak il-hin kien ta` madwar tnejn (2) sa tnejn punt hamsa (2.5) metri. Kien ghalhekk li probabilment id-dwal dehru daqshekk tard. Kien tard wisq biex idawwar u la haseb li kienu dwal jimmarkaw xibka ma` qiegh il-bahar, l-ahjar haga kienet illi jiddirigi l-vapur ghal bejn d-dwal u jimmira ghal partijiet l-aktar mudlama. Il-vapur kellu rotta ta` 020 gradi. Fil-10.45 p.m., l-iskrun inqabbad mal-hbula, u l-magna waqfet minhabba *overload*. Fl-istess waqt gibed lura t-*telegraph* biex jitfi l-magna. Malli gara dan kollu xeghlu d-dwal. Effettivament raw illi d-dwal kienu d-dwal tal-qasam tal-hut. Il-vapur kien waqaf bejn zewg gageg. Ma jiftkarx illi attwalment il-vapur ghamel kuntatt ma` xi gagga minnhom.

Xehed illi fuq il-VHF bdew ighajjtulhom persuni li jdentifikaw ruhhom ghalkemm ma fehmux isimhom. Staqsewhom jekk kienux wehlu max-xbieki tal-qasam tal-hut u huwa qalilhom li l-iskrun kien qabad ma` xi hbula u li ma kellhomx kontroll tal-vapur. Huwa nforma lill-Valletta Port Control illi kienu laqtu qasam tal-hut u li ma kellhomx kontroll tal-vapur.

Stqarr illi huwa edott minn dak li xehed il-kaptan tal-bastiment MV Graziella. Ighid illi kuntrarjament ghal li xehed dak il-kaptan, qatt ma kien hemm kuntatt bir-radio VHF qabel l-incident. Ighid illi huwa kien personalment fuq il-pont meta gara l-akkadut, u fl-ebda mument qabel l-incident ma kien hemm xi avviz minn terzi fuq l-VHF. Wara li ha konjizzjoni ta` dak li stqarr il-kaptan tal-MV Graziella, ighid illi probabilment iz-zewg vapuri li dehru fuq r-radar tieghu kienu proprju l-MV Daniela u MV Graziella. Huwa ma ra l-ebda echoes ohra fuq ir-radar tieghu li setghu kienu emessi mir-radar reflectors. Qal ukoll li fis-sit ma ra l-ebda radar reflectors, la madwar il-qasam tal-hut u lanqas fuq il-gaggeg. Dan jirrizulta ukoll mir-ritratti li ttiehdu filghodu (Dok AF3).

Kompla jixhed illi kontrarjament ghal dak li xehed Peter Paul Spiteri, fil-post ma kienx hemm id-dwal kollha li xehed dwarhom ghaliex kull ma ra x-xhud kienu zewg dwal zghar. Fic-chart 176 li kien qed juza, ma kien hemm indikat l-ebda fish farm.

Kompla fisser illi filghodu huwa ghamel kuntatt mal-agenti SMS. Is-sidien qalulhom biex jibghatu l-ghaddasa sabiex jaraw l-iskruna u biex jaqtghu l-hbula. L-ghaddasa nizlu biex jaghmlu dan kollu izda minhabba l-imbatt ma setghux jaqtghu l-hbula. Wara nofsinhar zewg ufficjali mill-Qorti tawh l-avviz ta` mandat ta` impediment ta` t-tluq tal-bastiment tieghu. Aktar tard xi nies mill-fish farm marru u qatghu l-hbula minn mal-iskruna u rabtu hbula godda ma` dawk il-qodma madwar iz-zona ta` fejn kien sar l-incident. Qatghu wkoll il-habel li bih l-vapur kien qed jorbot ma` baga u ghalhekk tefghu l-ankra.

Qal illi fit-30 ta` Awissu mar ghalihom vapur tal-irmonk u hadhom il-Port

il-Kbir fejn kellhom jibqghu.

Irrimarka li matul il-lejl tat-28 ta` Awissu u fl-ghodwa tad-29 ta` Awissu huwa ma ra l-ebda hut madwari l-vapur jew fil-fish farm. Ighid illi l-iskruna qatt ma ressqet lejn il-gaggeg ghaliex meta l-vapur dar kien hemm wahda minn dawn il-gaggeg fuq in-naha tax-xellug. Ma kienx jidher li kien hemm hsara f`dawn il-gaggeg. Huwa ghandu l-esperjenza illi jara jekk ikunx hemm fish farms jew oggetti ohra li jistghu jiddisturbaw r-rotta tieghu ghaliex kull tip ta` impatt li jista` jkun hemm jista` jeffettwa l-iskruna tal-vapur bil-konsegwenza li tista` tkun effettwata s-sigurta` kemm tal-vapur kif ukoll tal-ekwipagg.

Ighid illi ftit wara l-incident taghhom, kien hemm incident iehor fejn vapur bl-isem "Ray G" gie f`kuntatt ma` l-istess fish farm bil-lejl. Is-sidien tal-fish farm talbu d-danni permezz ta` kawza bin-nru 961/2006.

Stqarr illi huwa ma wzax c-chart nru 194 ghaliex ma kellhomx din il-chart billi huma jieqfu Malta biss ghall-bunkering ; ghalhekk ic-charts 2123 u 176 kienu sufficjenti. Huma ma rawx il-qasam tal-hut ghaliex il-vapur ddriftja lejn nofsinhar matul il-kosta f`distanza ta` bejn 1.5 u 2 mili. Iktar tard saru jafu illi l-qasam tal-hut kien f`distanza ta` 5 mili mill-kosta u ghalhekk kien impossibli li jarawh. Valletta Port Control ma tawhom l-ebda informazzjoni li kien hemm qasam tal-hut fil-qrib taghhom.

Ikkonferma li huwa kien fuq il-*bridge* minn kmieni wara nofsinhar sakemm gara l-incident.

**Fil-kontroezami**, il-Kaptan Becht stqarr illi dik kienet l-ewwel darba li kien bahhar fl-ibhra Maltin. Hlief ghal dan l-incident, qatt ma kien involut f`incidenti ohra.

Stqarr illi huwa utilizza chart 2123 sabiex jaslu sal- Valletta Pilot Station. Meta waslu hemm qalulhom illi kellhom imorru lejn il-lvant ; ghalhekk bdew juzaw chart 176. Dawn huma *small scale charts*. Mistoqsi jekk kienx ikun ahjar li kieku sar uzu minn charts 2538 u BA194 sabiex jaslu sal-*bunkering area*, ix-xhud ikkonferma li hekk hu.

Mistoqsi jekk kienx jaf dwar l-Avviz ghal Bahhara Nru 6 tal-2006 li kien jindika l-qasam tal-hut, ix-xhud wiegeb illi ma jiftakarx li kien fil-pussess ta` dan l-Avviz.

Mistoqsi mill-Qorti jekk fuq ic-charts li kien qed juza kienx hemm oqsma tal-hut ohra mmarkati, wiegeb illi fuq chart 176, ma kien hemm immarkat l-ebda qasam tal-hut, ghalkemm kien hemm wiehed immarkat fuq chart 2123. Mistoqsi meta kien l-ahhar li c-chart kienet aggornata, qal illi l-aggornament isir skond l-ahhar Avviz ghall-Bahhara.

Ix-xhud kien muri ritratt nru 22 a fol 330, u kien mistoqsi jekk dak jurix li l-vapur tieghu dahal minn hdejn gagga nru 10. Huwa wiegeb illi mhux hekk kien il-kaz. Huma dahlu min-naha l-ohra u cioe` minn hdejn gagga nru 7. Mistoqsi allura kif jista` jkun li fir-ritratt jidhru hbula mqaccta, ighid li huwa mhux minn hemm ghadda.

Mistoqsi dwar il-fishing lights li accenna ghalihom fl-ezami, ix-xhud wiegeb illi huwa assuma li dawk id-dwal kienu qed juru l-floats ta` *fishing line*. Sostna li vapur jista` jghaddi minn fuq *fishing line* minghajr problemi. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm qamar dak il-lejl, ix-xhud wiegeb li kien hemm dlam kbir ; ma jiftakarx jekk kienx hemm qamar.

Kompla jixhed illi matul l-lejl huma raw dwal. Huwa ra linja ta` dwal. Meta mbaghad xeghlu d-dwal tal-vapur biex jaraw x`kien hemm, raw li kienu gaggeg bid-dwal.

Mistoqsi jekk jafx li z-zona ta` akwakultura hija mdawwra b`sitt bagi, ix-xhud wiegeb illi huwa ma rax s-sitt bagi.

Dwar ir-ritratti li juru r-radar reflectors nonostante dak li xehed fl-ezami, ix-xhud stqarr illi huwa ma kienx qed jara radar reflectors, li ghandhom d-daqs li huwa mdorri bihom ; ir-radar reflectors li jidhru fir-ritratti huma zghar wisq.

Kompla jinsisti li dak il-lejl kien hemm imbatt ta` madwar tnejn (2) jew tliet (3) metri ; ghalhekk kien impossibli li wiehed jara dawk il-bagi. Ghalkemm il-bagi huma tal-metall, meta il-bahar ikun imqalleb, l-echo li jircievu fir-radar ma jkunx tal-bagi biss izda anke tal-bahar ; ghalhekk dawk qishom jisparixxu. Iikkonferma li meta tkun qed tinnaviga, in-navigazzjoni tiddependi minn tliet cirkostanzi : ir-radar reflectors, id-dwal u c-charts.

Mistoqsi dwar il-hut madwar il-vapur wara l-incident, ix-xhud stqarr illi meta fl-ezami xehed illi ma kienx hemm hut fil-madwar tal-vapur qal hekk ghaliex huma kellhom d-decklights mixghulin.

Ikkonferma li huma ma laqtux il-gagga ghaliex inqabbdu mal-hbula tal-ewwel baga u baqghu mwahhlin maghha.

Muri ritratt nru 1 fejn hemm gagga nru 8, ix-xhud ikkonferma illi r-radar reflector huwa mghawweg.

Muri ritratt nru 11, ix-xhud ikkonferma illi d-distanzi bejn il-gaggeg varjat. Mistoqsi jekk laqtux hbula tal-hadid, jghid li ma laqtux dawn it-tip ta` hbula.

**<u>Carmel Vella</u>** xehed illi fit-30 ta` Awissu 2006, huwa kien inkarikat mill-Ing Paul Cardona sabiex jmur fil-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici, li jinsab hames (5) mili nawtici `il barra minn Ras il-Gebel. L-Ing Cardona qallu li allegatament kienet saret xi hsara fuq xi gaggeg tal-hut minn vapor. L-inkariku tieghu kien illi jmur fuq s-sit sabiex jiehu filmat ta` l-gaggeg.

Jixhed illi huwa wasal fil-fish farm tas-socjeta` attrici ghal xi 10.00 a.m. tat-30 ta` Awissu. Wiehed mill-haddiema, certu Pierre, qallu li kienu qeghdin isewwu xi hbula li kienu garrbu hsara. Dan Pierre qallu li l-gagga nru. 7 garrbet l-akbar hsara ghax kellha x-xibka mqatta` u ghalhekk harab il-hut. Kien hemm xi hsara wkoll fil-gagga nru 5 izda x-xibka baqghet shiha, u hut ma harabx. Marru hdejn gagga nru 5 u ha filmat. Mill-filmat huwa evidenti illi l-plastic li qieghed fuq in-naha ta` barra kellu sinjali ta` kuntatt u kien hemm *surface scratches*. Il-materjal ta` t-tubu huwa iebes u fil-fehma tieghu mhux ilk-kaz li kien hemm kuntatt ma` vapur zghir. Ix-xhud ighid illi dahal fil-gagga nru 5 ; hemm ha filmat tal-ammont kbir ta` tonn li kien hemm fil-gagga. Kien ukoll evidenti illi n-nahat tax-xibka kienu nodfa bl-ebda sinjali ta` hut mejjet. Il-hut kien ivajra minn bejn erbghin (40) ghal tliet mitt (300) kilo tant illi l-gagga kienet mimilja. Fuq Dok CV1 huwa mmarka bl-ahmar il-posizzjoni tal-gagga nru 5. Immarka wkoll is-sinjali fuq it-tubu tal-plastic.

Kompla stqarr illi huwa mar hdejn il-gagga nru 7. Ha filmat tax-xibka min-naha ta` barra, u wara dahal fil-gagga ; sab illi x-xibka kienet mqatta`. Sab illi x-xibka kellha qatgha ta` ghaxar (10) metri fit-tul u tliet kwarti ta` metru (3/4) fil-wisgha. Ix-xibka kienet mahmuga fis-sens illi kienet maqbuda bi kwantita` ta` debris bhal seaweed, partijiet ta` hut inkluz irjus ta` hut. Ikkostata differenza bejn ix-xibka tal-gagga nru 7 komparata max-xibka tal-gagga nru 5 fis-sens li tal-gagga nru 5 ix-xibka kienet nadifa, waqt li fil-kaz tal-gagga nru 7 ix-xibka kienet mahmuga.

Qal illi wara li tlesta l-inkariku tal-Ing Cardona, huwa kien inkarikat mill-agenti tal-bastiment konvenut sabiex jiehu filmat tar-rudder u tal-iskruna

tal-MV Coral Water. Inghata struzzjonijiet sabiex inehhi l-habel li kien inqabbad mal-iskruna. B`esekuzzjoni tal-inkariku, huwa mar hdejn il-Fish Market Wharf u ra l-bastiment MV Coral Water. Ha filmat tal-propeller. Sab illi kien hemm habel li kien imqabbad, ta` kulur blu car, b` dijametru ta` madwar 3 pulzieri. Ighid illi mill-ewwel nduna li kien l-istess tip ta` habel li kien ra fil-fish farm tas-socjeta` attrici. Ipprezenta l-filmat li huwa esebit bhala Dok CV2.

**Roberto Mielgo Bregazzi** xehed illi huwa konsulent internazzjonali dwar it-tonn Blue Fin u ilu nvolut fl-industrija tat-tonn ghal dawn l-ahhar 14 il-sena. Huwa kien infurmat dwar l-incident mertu ta` din il-kawza. Ighid illi fis-6 ta` Awissu 2006, fuq struzzjonijiet ta` l-Word Wildlife Fund, huwa kien ghamel spezzjoni mill-ajru tal-Mare Blu Tuna Ranch. L-ispezzjoni kienet parti minn aerial survey li kien qed issir fl-2006 tal-Malta Tuna Ranching Industry sabiex jigi stabbilit l-massa tat-tonn Blue Fin li kien qed jitqieghed fil-gaggeg tal-Maltese Tuna Ranches. L-ispezzjoni saret fil-bidu ta` Awissu ghaliex dan huwa z-zmien meta l-gaggeg kollha bil-blue fin tuna jigu trasferiti bil-bahar, jigu rmonkati lejn Malta, u jigu rmiggjati fir-ranching sites rispettivi fl-ibhra territorjali Maltin. Il-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici jinsab cirka erba` (4) mili nawtici `l barra minn Zonqor Point, Marsascala. Kien jikkonsisti minn ghaxar (10) gaggeg, li tnejn minnhom kellhom dijametru ta` disghin (90) metru, u tmienja (8) b`dijametru ta` hamsin (50) metru. Mir-ritratti annessi, jirrizulta li l-gagga nru 7 hija mmarkata "Ø50m Cage N° 7". Fis-6 ta` Awissu 2006, id-data meta saret din l-ispezzjoni, il-gagga nru 7 kienet vojta ghal zewg ragunijiet : i) ghaliex ix-xibka ma kenitx istallata u lanqas "surface-yoked" mat-tubu tal-plastic ; ghalhekk kien impossibli li kien fiha xi hut ; u ii) ghaliex il-gagga kienet tidher li kienet ghadha mghammra sabiex tigi rmonkata. Fir-ritratt jidhru zewg hbula tal-irmonk imwahhlin maghha.

Ix-xhud kien mistoqsi jekk huwiex possibli illi dawn il-gaggeg gew imcaqalqin minn sit ghal iehor fiz-zmien ta` bejn s-6 ta` Awissu 2006 u s-26 ta` Awissu 2006. Huwa wiegeb li mhuwiex probabbli li gara hekk mhux biss minhabba problemi logistici izda wkoll ghaliex dak ic-caqlieq ikun ta` detriment ghat-tonn. Mistoqsi jekk kienx possibli li fil-perijodu ndikat gewx trasferiti 207,000 kilo ta` tonn minn xi gagga ohra, ix-xhud wiegeb illi dan wkoll huwa mprobabbli. Mistoqsi wkoll jekk kienx possibli illi giet rmonkata gagga gdida li kien fiha 270,000 kilo ta` ton fl-istess zmien, ix-xhud wiegeb li dan huwa mpossibli ghaliex l-istagun tat-tonn ghalaq xahrejn qabel s-6 ta` Awissu 2006. Muri ritratti li ttiehdu ta` l-gagga fit-28 ta` Awissu 2006, ix-xhud sostna li huwa mpossibli li dik il-gagga kienet mimlija bil-hut ghaliex ma jidhirx li kien hemm ix-xibka stallata.

Ix-xhud kien muri l-filmat Dok CV2 li ha Carmel Vella. Stqarr illi ghalkemm jidher li kien hemm xibka mwahhla mal-gagga nru 7, minhabba li stabilixxa li ma kienx hemm xibka mwahhla, huwa jasal ghall-konkluzjoni illi x-

xibka li tidher fil-filmat twahhlet wara l-incident. Dwar ix-xibka li tidher fil-filmat, qal illi l-*bao-long type yellow buoy line* tidher li hija minimament imwahhla mat-tubu tal-plastic u hija mwahhla b` *eight type konts* maghmulin minn dak li jidher li huwa habel gdid ta` kulur ahdar car tal-polypropylene. Dan jirrizulta meta jsir ezami komparattiv ta` din x-xibka ma` dik tal-gagga nru 5. Jidher illi kien xoghol ta` malajr ghaliex l-ebda tuna farm rancher ma jpoggi tonn li ghandu valur gholi go gagga li jkollha x-xibka marbuta daqstant hazin. Jidher ukoll illi l-gagga u x-xibka ma` kellhom l-ebda saborra. Din hija krucjali sabiex x-xibka tibqa fil-forma cilindrika. Minghajr is-saborra, ix-xibka tibda tixxengel bir-riskju li tghaffeg it-tonn li jkun hemm go fiha. Is-saborra tidher fil-gagga nru 5. It-toqba li kien hemm fix-xibka ma kenitx kbira bizzejjed biex it-tonn ikun jista` johrog mill-gagga bla ma jibqa` xejn fix-xibka. Huwa kien infurmat illi meta saret l-ispezzjoni, ma nstabx tonn mejjet maqbud fix-xibka. Il-konkluzjoni tieghu hija li l-gagga nru 7 ma kellha l-ebda xibka mwahhla maghha fil-waqt tal-incident de quo.

Ix-xhud ipprezenta zewg ritratti Dok RMB 2 u RMB 3. Qal illi huma *close up* tal-gagga nru 7 u ta` l-ambjent ta` madwarha. Minnhom jidher car li fis-6 ta` Awissu 2006 din il-gagga kienet vojta ghaliex ma kienx hemm xibka mwahhla maghha. Jekk wiehed iqabbel gagga nru 7 ma` l-gaggeg nru 3 u 6 li jidhru wkoll fir-ritratti jsib id-differenzi. bejniethom.

Muri ritratt nru 10 ezebit mill-Kaptan Becht ix-xhud fisser illi anke hemm tirrizulta konferma li ma kienx hemm xibka ma` gagga nru 7 ghaliex ma hemm l-ebda *floatation line.*

**Fil-kontroezami,** Bregazzi kien mistoqsi kif seta` jiddeciedi li ma kienx hemm hut fil-gagga meta l-ispezzjoni tieghu saret mill-ajru. Huwa wiegeb illi l-accertament tieghu jiddependi minn kemm l-ilma ikun car ; xi drabi tant ikun car l-ilma lit kun tista` tara sa 25 metri `l isfel. Hemm imbaghad l-esperjenza tieghu fis-sengha. Huwa stima li fil-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici kien hemm madwar 1,400 tunnellata ta` tonn. Huwa sostna li fl-ezami huwa ma qalx li kien impossibli li l-gagga mtliet berjn is-6 ta` Awissu u t-22 ta` Awissu ; li qal kien li probabilment dan ma setax jigri. Mistoqsi jekk wiehed jistax icaqlaq gagga minn sit ghal iehor, ix-xhud stqarr illi huwa possibbli, izda meta jsir dan ikun hemm *over-density*. Mistoqsi jekk ikunx dan possibbli jekk il-gaggeg ikunu hdejn xulxin u t-tonn jigi trasferit billi tinfetah ix-xibka, huwa wiegeb li dan jista` jsir, ghalkemm huwa mprobabbli billi trid iccaqlaq l-gagga jew gaggeg, tpoggihom hdejn xulxin, imbaghad trid tghaqqad flimkien z-zewg bibien li hemm fix-xibka, u wara tigdeb `l fuq x-xibka biex il-hut imur minn gagga ghal ohra. Mistoqsi jekk t-tonn jistax jikber minn bejn 25% sa 30%, ix-xhud irrisponda illi ma jaqbilx ; it-tonn jista` jikber l-aktar bejn 11% u 14%. Huwa ghalhekk li qatt ma ghandek tittrasferixxi aktar minn 150 tunnellata ghaliex dawn jistghu jikbru ghal 170 jew 180 tunnellata. Mistoqsi jekk l-ahjar mod sabiex wiehed jghodd kemm hemm tonn huwiex illi dawn jigu trasferiti minn xibka ghal ohra, ix-xhud qal illi hekk

hu ghalkemm l-ghadd jista` jsir ukoll meta tkun se ssir il-qatla. Meta vapur ikun qabad il-blu fin tuna, il-kaptan ghandu jaghmel nota fil-fishing log book, li jipproduci ICAT blue fin tuna catch certificate. Billi tkun se ssir esportazzjoni, irid ikun hemm ukoll European Union Customs Document, fejn il-kaptan jiddikjara l-ghadd tal-hut u l-piz.

Mistoqsi jekk il-hut jistax jigi ttrasferit jekk ikun hemm problema bix-xibka, ix-xhud wiegeb illi wiehed jista` jaghmel hekk izda l-ahjar haga tkun li x-xibka tigi ripristinata. Mistoqsi ghaliex huwa daqstant cert meta jghid illi x-xibka giet marbuta wara l-incident, ix-xhud sostna li huwa cert mija fil-mija, ghaliex fis-6 ta` Awissu 2006, ma kienx hemm xibka, u wara li studja l-filmat li ttiehed tal-gagga nru 5 u tal-gagga nru 7, jista` jghid illi l-gagga ma kellhiex xibka qabel is-27 ta` Awissu jew f`dik il-gurnata. Riferibbilment ghal meta qal illi l-hbula kienu mwahhlin hazin, inghad lix-xhud li dawk kienu hbula godda li tqabbdu ma` dawk li nqatghu mill-iskruna. Ghal dan ix-xhud wiegeb li dawk kienu l-hbula madwar l-perimetru tal-qasam tal-hut, u mhux dawk li kien qed jirreferi ghalihom madwar il-gagga nru 7. Dwar il-fatt li ma kienx hemm saborra max-xibka, kien mistoqsi setax ikun li s-saborra ittajret waqt l-incident. Wiegeb billi eskluda li setax gara hekk fil-perimetru kollu. Mistoqsi sabiex jghid jekk il-gagga nru 7 tidhirx fl-istess posizzjoni kemm fir-ritratt nru 11 u kif ukoll fir-ritratt nru 1 li pprezenta, ix-xhud wiegeb li mhijiex fl-istess posizzjoni ; jidher li hemm distanza itwal bejn gagga u ohra. Billi l-gaggeg huma marbuta bi *grid mooring system* jekk habel wiehed minn dan il-grid jinqabad ma` skruna, il-vapur seta` gibed il-*mooring system* kollha u ghalhekk il-qaghda tal-gaggeg kollha kienet effettwata, kif fil-fatt gara. Dan izda ma setax jeffettwa l-integrita` tax-xibka ghaliex qed tigbed il-*grid system* li mhuwiex mqabbad direttament max-xibka. Kien mitlub jikkonferma li l-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici kien mghammar bis-sigurta` kollha necessarja bhal radar reflectors. Ix-xhud qal illi fir-ritratt nru 1 mhuwiex qed jara dwal izda hemm il-*light posts.* Lanqas ma qeghdin jidhru radar reflectors. Fir-ritratt nru 1, jidher dak li jista` jkun dawl. Dwar gagga nru 5, ix-xhud ikkonferma li ma kien hemm xejn hazin dwar din il-gagga.

**Fir-riezami**, Bregazzi kien muri ritratt nru 2 u mistoqsi jekk il-gaggeg li jidhru bhal gagga nru 5 u gagga nru 2 humiex perfettament tondi. Ix-xhud wiegeb illi ma kienux, izda dak huwa normali. Iz-zewg gaggeg li jidhru fuq in-naha ta` gewwa ghandhom diametru ta` disghin (90) metru. Fil-fehma tieghu, wiehed m`ghandux jorbot gagga ta` dan l-dijametru fo *grid mooring system.* Li ghandu jsir huwa li jsir uzu minn sittax (16) –il *mooring line* biex torbot il-gagga. B`rbit bhal dan, il-gagga tkun tista` tibdel il-forma taghha. Muri r-ritratt nru 10 li ha l-Kaptan Becht tal-gagga nru 7 dakinhar tal-incident, ix-xhud stqarr illi minn dak ir-ritratt jidher illi ma kienx hemm dawl, u ma kienx hemm *active* jew *passive radar reflectors.* Lanqas ma tidher ix-xibka. Mistoqsi jistax jeskludi li x-xibka mhijiex hemm bhala konsegwenza tal-incident, ix-xhud insista li ma hemmx xibka ghaliex ma hemmx *floating line* ; jekk ix-xibka tqacctet kagun l-incident, xorta kien ikun hemm fdal tal-*floating line* jew inkella fdal tax-xibka.

**Kaptan Mario Grech** xehed li huwa kien mahtur bhala perit *ex parte* mill-konvenuta noe. Ikkonferma li ha vizjoni tad-dokumenti. Dwar ir-rotta li ha l-bastiment konvenut, skond id-deposizzjoni tal-Kaptan Becht, ix-xhud stqarr illi l-vapur dahal min-naha ta` nofsinhar tal-qasam tal-hut, mhux min-naha tat-tramuntana.

Dwar l-Avvizi ghall-Bahhara, ighid li dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-Avviz 6/2006 u 28/2006. Tal-ewwel jistabilixxi iz-zona rizervata ghall-akwakultura ; it-tieni jistabilixxi s-sinjali marittimi li juru fejn hu l-qasam tal-hut.

L-Avviz 6/2006 hareg fis-16 ta` Marzu 2006. Baq` jigi trasmess sas-27 ta` April 2006 permezz tas-sistema NAVTEX. L-Avviz mhux rifless fic-charts BA 176 jew BA 2123 billi dawn huma ta` skala zghira izda jigi rifless fic-charts BA 194 u BA 2538. L-Avviz 6/2006 kien iccirkolat mill-Ammiraljat Ingliz fil-20 ta` April 2006. Billi l-vapur konvenut huwa zghir, l-Avvizi jiehdu aktar zmien sabiex jigu trasmessi ghaliex dan ma jsirx elettronikament izda permezz ta` avvizi miktuba. Ghalhekk jista` jkun illi vapur jikkoregi c-charts tieghu anke wara diversi gimghat illi jkun nhareg l-avviz.

L-Avviz 28/2006 wasal ghand l-AFM Control Room fil-10 ta` Lulju 2006. Baqa` jigi trasmess sal-21 ta` Awissu 2006. Wara ricerka li ghamel huwa personalment, jirrizulta li dan l-Avviz, li kien juri s-sinjali marittimi u cioe` il-bagi li kienu jimmarkaw z-zona ta` akwakultura, ma giex trasmess mill-Ammiraljat lill-bahhara, u baqa` ma giex trasmess anke wara sena kif jidher minn Avviz 29/2007. Ghalhekk il-posizzjoni tal-bagi ma kenitx trasmessa qabel l-incident. Fil-fatt jirrizulta li kienet trasmessa fl-14 ta` Awissu 2008, jigifieri sentejn wara li gara l-incident. Bhala rizultat ta` dan kollu, il-kaptan tal-vapur konvenut ma setax jemenda l-charts.

Inghad illi l-kaptan tal-vapur konvenut ma kellux abbord ic-charts 194 u 2538. Ix-xhud isostni li l-kaptan ma kienx jehtieg dawk ic-charts fir-rotta tieghu bejn Porto Torres u Tuzla ghaliex ic-charts 176 u 2123 kienu bizzejjed sabiex iwassluh sal-port tal-Belt Valletta fejn kien inghata struzzjonijiet sabiex jieqaf ghal bunkering. Madankollu anke li kieku l-kaptan kellu c-charts 194 u 2538, xorta wahda ma kienx ikollhom l-emendi previsti bl-Avviz 28/2006 ; u possibbli wkoll li ma kellhomx l-emendi previsti bl-Avviz 6/2006.

Stqarr illi l-Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta (“l-Awtorita”) bl-Avviz 45/2009 (Dok MG6) avzat lill-bahhara li s-sinjali marittimi li kienu jimmarkaw

iz-zona ta` akwakultura ta` Zonqor Point kellhom jitqiesu bhala "*unreliable*".

Dwar il-bagi, il-Kaptan Grech xehed illi dawn kellhom dawl isfar intermettinenti, jigifieri dawl li jteptep kull tliet (3) sekondi. Billi d-dawl mhux sinkronizzat, ikun vizibbli bhala sitt (6) idwal sofor intermittenti. Meta l-bahar imur minn moderat ghal qawwi, kif jidher li kien fil-lejl tal-incident, il-bagi jiccaqalqu (*roll*) fil-mewg, u flimkien mal-moviment tal-bahar ikkawzat minn vapuri, huwa probabbli li ma jkunx innotat id-dawl intermittenti. Fil-kaz tal-vapur konvenut, li huwa vapur zghir, li kien ghaddej go rih forza tmienja (8), wiehed seta` jara l-grupp ta` bagi, in partikolari ghaliex ghandhom vizibilita ta` hames (5) mili nawtici. Milli rrizulta jidher illi l-vapur fil-fatt ra zewgt (2) idwal sofor. Jinsorgi l-kwesit : ghaliex ma rax id-dwal l-ohra ? Jista` jkun li dawk iz-zewg idwal biss kienu mixghulin ? Li kieku d-dwal kollha kienu mixghulin, il-bastiment konvenut seta` jara l-grupp ta` bagi minn distanza tajba bizzejjed biex jevitahom. Il-probabilita` ghax-xhud hija mhux id-dwal kollha kienu qeghdin jahdmu. Isostni li kien korrett il-kaptan tal-bastiment konvenut jassumi li ladarba ra zewgt idwal biss, dawn kienu ta` *fishing line* u li ghalhekk ddecieda li jghaddi minn bejniethom.

Dwar li kien hemm zewg vapuri ghassa ta` l-qasam tal-hut, u li nghad li ppruvaw javzaw bil-VHF radio lill-bastiment konvenut li kien hemm il-qasam tal-hut, ix-xhud stqarr illi s-sajjieda jafu li hemm sistemi ohrajn li ghandhom jintuzaw sabiex tavza vapur bil-periklu ; seta` sar uzu mid-dawl. Muri r-ritratti nru 1 sa 27, u mistoqsi jghid jekk kienx qed jidher id-dawl, ix-xhud qal illi ma setax jiddentifika dwal. Muri ritratt li juri arbli bid-dawl fuqhom, ix-xhud kien tal-fehma li ghalkemm jidher id-dawl, dak ma kienx adegwat.

Dwar il-baga (Dok AG 10) fejn jidher radar reflector, ix-xhud stqarr illi fil-kondizzjonijiet tal-bahar kif kienu dak il-lejl, il-gaggeg jidhru fuq ir-radar bhal echoes li huma l-ugwali, jekk mhux aktar qawwija mis-sinjali emessi mir-radar reflectors imwahhlin mal-bagi u mal-gaggeg. Ghalhekk l-echoes emessi mill-bagi u mill-gaggeg jintilfu.

Dwar r-ritratti nru 1 u 7 li suppost juru radar reflectors, ix-xhud stqarr illi radar reflector ma jista` qatt ikun maghmul fit-tond, bhall-vertical poles li jidhru fir-ritratt nru 1 u l-bagi li jidhru fir-ritratt nru 7. Sabiex iservu l-iskop intiz, radar reflectors ghandhom ikunu mibnija b`certu mod u cioe` jkollhom tipi partikolari ta` metal plates. Muri r-ritratt Dok MG7, fejn tidher xi struttura tal-hadid fl-ahhar tal-pole, ix-xhud irrimarka illi dawk mhux *corner radar reflector*, li bhala regola jkun aktar wiesa` u jkun immuntat f`angolu differenti, mhux fl-angolu li jidher fid-Dok MG7. Qal ukoll illi bil-kondizzjonijiet tal-bahar kif kienu matul il-lejl in kwistjoni, irradar reflectors - anke kienu hemm – ma kienux iservu l-iskop taghhom.

Kompla jghid li hemm sistema maghrufa bhala IALA (International Association of Lighthouse Authorities) buoyage system li permezz taghha jigu senjalati l-perikoli marittimi offshore. Din s-sistema tintuza go Malta wkoll.

Hemm :–

*lateral mark buoys* : li juru minn liema naha tal-baga ghandu jghaddi l-vapur ;

*cardinal marks* : li jindikaw iz-zoni li huma sikuri u dawk minn fejn wiehed ma jistax jghaddi ;

*isolated dangers* : fejn ikun hemm sinjal li juri li hemm periklu taht il-bahar ;

*special marker buoys* : dawn huma bagi li juru dawk iz-zoni li m`ghandhomx sinjifikat marittimu : ez. bajjiet ; diving wrecks ; u anchorage areas.

Kompla fisser illi s-sistema ta` bagi li ntuzat sabiex tindika z-zona ta` akwakultura `il barra minn Zonqor Point kienet dik tal-*Special Marker Buoys*. Il-karatterisitici taghhom kemm fizici kif ukoll ta` dawl ma jindikawx ma` liema naha tal-baga wiehed ghandu jghaddi u li ghalhekk turi zona sigura, bhalma jaghmlu l-*cardinal buoys*. L-uzu ta` *special marker buoys* sabiex jindikaw din l-arja, forsi ma kienitx ghazla tajba ghaliex hija arja ta` periklu ghan-navigazzjoni. Li kieku l-kaptan osserva li kien hemm *cardinal buoys* minflok l-*special marker buoys*, huwa probabbli li kien jinduna li kien qed riesaq lejn zona ta` periklu u kien jiehu l-azzjoni necessarja.

Zied jixhed illi billi l-post maghzul ghal dan il-qasam tal-hut, huwa qrib hafna rotot nawtici li jiehdu ghall-Port il-Kbir u ghal Marsaxlokk, inkluzi l-bunkering areas, l-ghazla ta` din z-zona ghal fini ta` akwakultura seta` kienet ahjar. Ghalhekk iz-zona de qua tirrikjedi prekawzjonijiet akbar minn dawk soliti. Huwa vitali – skond ix-xhud – li z-zona tkun issenjalata permezz ta` bagi tapposta u radar reflectors.

Skond il-Kaptan Grech, l-incident mertu tal-kawza tal-lum kien ir-rizultat ta` diversi fatturi sfortunati li jinkludu :-

i) Illi l-Avviz 28/2006 baqa` mhux trasmess ghal hafna zmien, anke qabel il-bastiment de quo telaq minn Porto Torres ;

ii) Illi l-Avviz 28/2006 kien ippromulgat mill-Ammiraljat Ingliz fid-29 gimgha tal-2007 ; kwindi sena wara l-incident, u c-charts kienu emendati bl-Avviz ta` Awissu 2008 ;

iii) Illi anke li kieku l-kaptan tal-bastiment konvenut kellu charts 194 u BA 2538, xorta wahda dawn ic-charts ma kienux jindikaw il-posizzjoni ezatta tal-qasam tal-hut in kwistjoni ;

iv) Illi ma hemmx evidenza li turi li d-dwal li kellhom jimmarkaw iz-zona ta` akwakultura fil-fatt kienu qed jahdmu kollha ;

v) Illi li l-qasam tal-hut, li huwa ta` perikolu ghan-navigazzjoni, kienet qed jigi mmarkat biss bi *Special Marker Buoys*, liema bagi ma jindikawx minn liema naha ghandhom jghaddu l-vapuri ;

vi) Illi r-radar reflectors li kien hemm mal-bagi ma kellhomx effett minhabba l-kondizzjonijiet tal-bahar ;

vii) Illi kien hemm nuqqas da parti tal-operatur tal-qasam tal-hut illi javza dwar l-periklu imminenti b`kull sistema necessarja inkluz search light jew aldis lamp ;

viii) Illi bhala fatt il-qasam tal-hut jinsab wisq vicin il-bunkering zone ;

ix) Illi s-sinjali marittimi madwar iz-zona tal-akwakultura ma kienux effikaci stante illi l-Awtorita` Marittima ta` Malta ppublikat l-Avviz 45/2009, fejn avvzat lill-bahhara li s-sinjali marittimi ghaz-zona ta` l-akwakultura kienu "*unreliable*".

Skond il-Kaptan Grech, il-kaptan tal-bastiment konvenut kien prudenti u bl-ebda mod ma kien neglignti fl-agir tieghu.

**Fil-kontroezami**, ix-xhud kien mistoqsi dwar l-istqarrija li ghamel illi l-vapur dahal min-nofsinhar tal-fish farm. Meta jitqies dak li jidher fir-ritratti nru 22 u 23, setax jispjega kif inqatghu l-hbula ta` hdejn gagga 10 u 9. Ix-xhud wiegeb li huwa ma setax ighid kif inqatghu l-hbula izda mill-evidenza l-ohra jidher li l-vapur ma dahalx minn hdejn dawk il-gaggi. Mistoqsi jekk malli johorgu l-Avviz ghall-Bahhara jkunx dak l-Avviz accessibli mill-internet, ix-xhud spjega illi l-uzu tal-internet mhuwiex il-prattika ta` kaptan anke ghaliex mhux dejjem ikollu access ghall-internet fuq il-bastiment. L-Avviz johrog fuq ir-radio bhala *navigational warning*. L-Avviz ikun accessibli fuq l-website ta` Transport Malta. Mistoqsi mill-Qorti x`tip ta` bagi hemm mal-perimetru, ix-xhjud wiegeb illi dawn huma *special marker buoys* li jintuzaw ghal materji li ma jkollhomx effett fuq in-navigazzjoni izda bihom tingibed l-attenzjoni li jista` jkun hemm perikolu. Ikkonferma li bl-Avviz 6/2006 kienu emendati l-karti tal-Ammiraljat fl-20 ta` April 2006. Ghalhekk kaptan gej minn Porto Torres ghal Malta seta` jkun jaf bl-emenda. Meta jircievu dawn l-Avvizi, isir aggornament dak il-hin billi jsir *plotting* fuq ic-charts li jkun hemm fuq il-vapur. Ma setax ighid jekk il-vapur konvenut kellux mezzi elettronici sabiex jircievi l-Avvizi ghall-Bahhara, billi

huwa ma spezzjonax il-bastiment konvenut. Dak li ghandu joqghod fuqhom il-kaptan fl-ahhar mill-ahhar huma n-*navigational warnings*. Ic-chart 2123 li uza l-kaptan tal-vapur konvenut kienet stampatali jfisser illi kien ghadu kif akkwistaha ; ghalhekk kienet updated. L-Avviz 6/2006 ma affettwatx din il-chart ghaliex din kienet *small scale chart*. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kaptan kienx qed juza chart adatta ghaz-zona in kwistjoni, ix-xhud stqarr illi ghalkemm hemm diversi charts, generalment juzaw *the largest scale chart* specjalment jekk tkun sejjer vicin l-art. Fil-kaz tal-lum, ladarba l-vapur kien zghir, wiehed ma jinkwetax daqstant jekk ma kellu *large scale chart*.

Ix-xhud kien mistoqsi kif ikkonkluda li d-dwal ma kienux qed jiffunzjonaw. Wiegeb illi qal hekk ghaliex fil-kors tal-provi nghad illi kull ma raw kienu zewg dwal iteptpu ; probabilment kienu tal-perimetru mhux tal-qasam tal-hut. Skond l-Avviz 28/2006, il-bagi tal-perimetru taz-zona ta` akwakultura kellhom ikollhom *radar reflectors*. Jezistu *radar reflectors* li ghandhom forma ta` tubu ; l-uzu taghhom huwa fuq *pleasure boats* u mhux bastimenti merkantili. Ir-*radar reflectors* ikunu qishom tubi u ghandhom echo li huwa aktar dghajjef minn dawk normali. Meta l-bagi jkunu *cardinal buoys,* kif tarahom tkun taf mnejn tista` tghaddi. Meta jkun hemm biss *special marker buoys* dawn ma jindikawx minn fejn tghaddi izda juru biss li hemm *special activity* fiz-zona. Ghalkemm go zona ta` akwakultura tista` tuza *special marker buoys*, m`ghandek qatt tuzahom jekk hemm *danger to surface navigation*. Huwa ddikjara li ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni ta` Transport Malta li fejn hemm *offshore danger to navigation*, dan ikun mmarkat bi *special marker buoy* ghaliex din ma taghti l-ebda indikazzjoni.

**<u>Fir-riezami</u>**, ix-xhud sostna li l-indikaturi li jidhru fir-ritratti kienu mqabbdin mal-gaggeg pero` ma kienux qed jilhqu l-iskop li ghandu *radar reflector*. Sabiex *radar reflector* ikun tajjeb ghall-iskop tieghu ghandu jkun kif muri fir-ritratt li qed jigi ezebit Dok AF1.

**<u>Ing Paul Cardona</u>** xehed illi huwa kien inkarikat bhala espert *ex parte* minn Grouprama-Transport, *underwriters* tal-vapur konvenut sabiex jaghti l-opinjoni tieghu dwar l-incident mertu ta` din il-kawza.

Ighid illi minn taghrif illi nghata mill-kaptan tal-bastiment konvenut, irrizulta li huma kienu qed juzaw chart nru BA 2123, u wara bidlu ghal chart 176. L-ekwipagg ra xi dwal zghar u hasbuhom *netting markers*. Dak il-hin kien hemm imbatt ta` bejn 2 u 2.5 metri. Il-kaptan iddecieda li kien tard wisq biex idur lejn port ; ghalhekk biex jevita d-dwal dawwar b` ghoxrin (20) grad u ddecieda li jghaddi minn bejn id-dwal ghaliex dawk id-dwal kienu qed jindikaw *fishing line*. L-iskruna nqabdet mal-*mooring ropes* u kien hawn li l-kaptan nduna li fil-fatt kien idderiega l-vapur go gaggeg ta` qasam tal-hut. Il-kaptan ma jiftakarx li kien hemm kuntatt mal-gaggeg.

Qal illi huwa spezzjona s-sit fit-28 ta` Awissu 2006 wara nofsinhar. Il-vapur kien wieqaf u posizzjonat bejn gagga nru 5 u gaga nru 7. Kien hemm numru ta` hbula sintetici blu li ntuzaw ghall-perimetru tal-qasam tal-hut li dehru mqacctin. Kien hemm xi grif fuq it-tubu tal-plastic ta` gagga nru 5. Kien hemm ukoll xi *rail stanchions* li kienu miksurin. Ma kien jidher illi gagga nru 7 kellha hsara. Wara li kienet spezzjonata z-zona kollha tal-akwakultura kien ikkonfermat illi kien hemm sitt (6) bagi bir-*radar reflector* u dawl iteptep. Il-bagi ghandhom tul ta` 8060 mm li minnhom 4100 mm huwa fuq wicc l-ilma. Kien hemm baga f`kull kantuniera taz-zona destinata, u baga fin-nofs tan-nahat l-aktar twal. Dawn il-*marker buoys* kienu stallati qisu 3000 metri wiehed mill-iehor. Kull gagga kellha tliet bozoz fil-perimetru kollu u kienu stallati fuq lasti li kienu twal 1.5 metri. Dawn il-lasti jidhru fir-ritratti Dok P 2.

Kien hu li nkarika lil Carmel Vella sabiex jiehu filmat tal-gaggeg nru 7 u 5. Abbazi tal-filmat illi ha Vella jirrizulta –

i) Illi kien hemm xi hsara fid-dawra ta` l-gagga nru 5, izda ma kienx hemm telf ta` hut ;

ii) Illi x-xibka ta` gagga nru 5 dehret nadifa ;

iii) Illi x-xibka ta` gagga nru 7 kienet mqatta` fin-naha tal-lvant tal-gagga, li huwa diametrikalment oppost ghal fejn sehh l-allegat kuntatt mal-vapur bastiment. Din it-toqba kellha tul ta` ghaxar (10) metri u wisa ta` bejn tlieta (3) u erba` (4) metri. Ix-xibka dehret li kellha ammont ta` debris.

Dwar illi l-vapur konvenut seta` dar mal-qasam tal-hut u dahal fih mit-tramuntana, ix-xhud eskluda illi seta` gara hekk ghaliex -

i) il-vapur kien sejjer lejn Tuzla u ghalhekk kellu jipprocedi lejn il-grigal ;

ii) id-dokumentazzjoni u l-log book tal-vapur juru bic-car illi l-vapur kien qed jipprocedi fuq rotta ta` hamsa u tletin (35) grad ;

iii) Ma kienx necessarju illi l-vapur idur mal-qasam tal-hut u mbaghad jerga` jdur lejn Malta meta huwa kellu jipprocedi lejn it-Tuzla mill-grigal ;

iv) L-akbar prova illi l-vapur ma dahalx mit-tramuntata hija illi dik in-naha l-mooring ropes kienu shah.

Dwar ic-charts, ix-xhud fisser illi chart 176 ma turix il-posizzjoni taz-zona tal-akwakultura u chart 2123 m`ghandhiex il-koordinati ta` din z-zona. Huma

biss charts 2538 u 194 li juru l-koordinati ezatti ta` z-zona. Ghalkemm il-kaptan jista` jigi kkritikat li ma wzax dawn tal-ahhar, huwa wkoll veru li jistghu jintuzaw charts ohrajn ; fil-fatt ma kienx marbut li juza dawk. Hija maghrufa l-problema bic-charts. Jaf b`erba` (4) jew hames (5) okkazjonijiet fejn bastimenti barranin li gew Malta ghall-bunkering kellhom incidenti ma` dan il-qasam tal-hut. Jiftakar li meta mar fis-sit f`Ottobru 2009, sema` lill-Valletta Port Control javza vapur li fid-direzzjoni fejn kien sejjer kien se jibqa` diehel go qasam tal-hut.

Dwar ir-*radar reflectors*, ix-xhud stqarr illi jidher li oltre s-sitta (6) istallati fuq il-*marker buoys* mal-perimetru taz-zona, ma kienx hemm ohrajn. Dwar li nghad dwar ir-*radar reflectors* fuq il-lasti li huma mqabbdin mal-gagga, dawn huma *aluminium plates* mhux *radar reflectors*. Ghalhekk b`dawn it-tlett (3) bozoz ghal kull gagga, jigifieri bozza wahda kull erbghin (40) metru, wiehed ma jistax jghid illi l-gaggeg kienu mdawwlin tajjeb. Jekk dawn id-dwal zghar jahdmu, huma vizibbli biss minn distanza ta` mitt (100) metru mill-gaggeg. U billi dan id-dawl huwa biss 1500 mm `l fuq mill-ilma, bi kwalunkwe tip ta` imbatt, wiehed ma jkunx jista` jarahom mill-bridge ta` vapur zghir. Huwa edott mill-fatt illi fid-data u waqt tal-incident, ir-rih kien forza hamsa (5) u l-mewg kien gholi bejn tnejn (2) u tliet (3) metri. Ghalhekk ma kienx possibbli ghall-ekwipagg tal-MV Coral Water li jara dawn id-dwal.

Dwar l-post fejn gie tqieghed il-qasam tal-hut in kwistjoni, ighid illi ghax jinsab daqstant qrib *bunkering station*, mhuwiex post adegwat ghal zona ta` akwakultura. Il-*bunkering station* tinsab biss erba`(4) boghod, u hija wzata minn bastimenti li jkollhom ekwipaggi li mhux midhla ta` dawn l-ibhra. Il-vapuri li jaqsmu l-Mediterran juzaw *large scale charts* u ghandhom bzonn jiddevjaw mir-rotta taghhom sabiex jigu Malta ghall-bunkering. Jekk il-bastiment ikun gej mill-grigal, iz-zona tal-akwakultura tinsab proprju fin-nofs.

Kompla qal illi minn Dok PC3 kien jidher illi l-ammont ta` hut importat mis-socjeta` attrici fiz-zmien in kwistjoni kien ta` 1526.60 tunnellati. Mid-dikjarazzjonjiet tal-caging (Dok PC5) jidher illi ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni dwar *internal shifting* tal-gaggeg fl-istess zmien. Minn dokumenti li gabet is-socjeta` attrici dwar il-bejgh tal-hut jirrizulta li f`Ottobru 2006 u Dicembru 2006, sar bejgh totali ta` 1519.748 tunnellati. Dwar kemm miet hut, wiehed jikkonkludi li effettivament kien hemm aktar imwiet minn dawk li qalet is-socjeta` attrici.

Dwar it-telf ta` 207 tunnellati tonn li s-socjeta` attrici tallega li harab mill-gagga nru 7 kagun tal-incident de quo, ix-xhud jirrileva illi mid-dokumentazzjoni pprovduta, dak it-tunnellagg ma jirrizultax. Infatti jidher illi s-socjeta` attrici akkwistat 9675 –il huta li kellhom piz ta` madwar 1526.60 tunnellati. Minnhom jinghad li mietu madwar 393 hutiet ghal piz ta` madwar 54,905 tunnellati. Il-

hut mibjugh kien 9233 ghal piz ta` madwar 1519.748 tunnellata. Kalkolu matematiku jgib differenza ta` 49 –il huta ghal piz ta` madwar 7.728 tunnellati, mhux 207 –il huta kif tallega s-socjeta attrici. Ix-xhud isostni li fil-kalkoli tieghu ma kienx meqjus l-awment fil-piz tal-hut. Skond ix-xhud, fuq l-iskrota tad-dokumenti, ma hemm l-ebda prova affidabbli ta` telf ta` hut kagun tal-incident.

Dwar il-presenza o meno ta` hut fil-gagga allegatament milquta mill-bastiment konvenut, ix-xhud stqarr illi l-probabilita hija li ma kienx hemm hut fil-gagga in kwistjoni. Mir-ritratt li ttiehed fil-ghodu tat-28 ta` Awissu 2006, in partikolari ir-ritratt nru 10, jidher li ma kienx hemm floats sofor ; ghalhekk ma setax ikun hemm xibka u kwindi lanqas hut. L-ebda hut ma ntilef fl-incident mill-gagga nru 7. L-unika hsara li seta` kien hemm kienet li tqacctu l-hbula u saret hsara fil-baga u grif tal-gagga nru 5.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, Cardona kien mitlub sabiex jindika fuq Dok TM2 il-kaxxa fejn jigi ndikat in-numru tal-hut. Wiegeb illi dak li jirrizulta huwa t-tunnellagg tal-hut. Ikkonferma li fid-dokument ma hemmx kaxxa li tindika n-numru ta` hut. Jigri li jkun hemm numru ta` ghaddassa mal-gagga waqt li jkun qed isir t-trasferiment tal-hut ; l-ghaddasa jaghmlu l-ghadd tal-hut. Dak li jsir huwa li jghoddu l-bicciet, jaqsmuhom bejn kbar u zghar, mbaghad jimmoltiplikaw l-ghadd mal-piz li jikkalkolaw li ghandu l-hut ; minhabba f`hekk, il-piz ikun approssimattiv hafna. Mistoqsi x`jista` jkun il-*margin of error*, ighid illi meta l-ghadassa jkun qed jghoddu, jekk tisgicca huta jew tnejn, diga` jkun hemm hamsa fil-mija (5%) differenza fil-piz. Il-*margin of error* huwa inqas meta qed tghodd il-hut milli meta tikkalkola l-piz kif fuq deskritt.

Stqarr illi l-bicca l-kbira tal-*harvesting* tal-hut sar fl-ahhar ta` Ottobru. Skond il-*caging declarations*, il-hut kollu tqieghed fil-gaggeg fix-xahar ta` Gunju. F`dan il-perijodu, il-hut ikun l-aktar *stressed* ghaliex mill-bahar jitqieghed go gagga. Fisser illi n-numru ta` mwiet li ddikjarat is-socjeta` attrici mhuwiex kredibbli ghaliex meta kkostata li fiz-zmien ta` bejn Lulju u s-26 ta` Ottobru kien hemm imwiet regolari, ma jistax ikun li ma kienx hemm imwiet ghal xahar shih minn meta nqabbdu sa` Lulju, meta l-huta hija l-aktar stressed. Ighid illi l-konkluzjonijiet tieghu huma fondati kollha fuq dokumenti li pprovdiet is-socjeta` attrici.

Jikkonferma li meta l-hut ikun fil-gagga jinghata madwar 4000 tunnellata makarell bhala ikel biex jehxien ghaliex meta jzid fil-piz, igib prezz ahjar. Ighid illi huwa ma hax in konsiderazzjoni l-piz tat-tonn meta jigi mibjugh ghaliex ma kienx cert mill-piz originali ; kif ukoll ghaliex fl-industrija hadd ma jghid kemm zied il-piz it-tonn. Il-figura ta` 1526 metric tons li dahlu u 1574 metric tons li hargu tirrizulta minn tliet fatturi illi tatu s-socjeta` attrici.

Jikkonferma illi meta wza l-kelma *pieces* kien qed jirreferi ghal hutha wahda shiha u mhux ghal bicciet ta` huta.

Ighid illi meta ghamel analizi ta` l-invoices, huwa ma hax in konsiderazzjoni l-piz izda l-units.

Mistoqsi kif ikkonkluda li t-telf kien jammonta ghal 7.7 sa 8 tunnellati, ix-xhud sostna li l-ghadd ta` tunellagg reklamat mis-socjeta` attrici in linea ta` danni huwa l-istess ghadd ta` tunellagg li kien *caged* originarjament. Ighid illi s-socjeta` attrici baqghet turi l-istess ammont ta` piz mill-bidu sa` l-ahhar. Jekk wiehed jara l-*caging declaration* jirrizulta li l-ammont kien ta` 207 tunnellati.

## III. <u>Sottomissjonijiet</u>

### 1) <u>Is-socjeta` attrici</u>

Is-socjeta` attrici tissottometti li abbazi tax-xiehda tal-Kaptan Becht jidher bic-car illi r-rotta tal-bastiment konvenut kienet ippjanata. Ried jidhol Malta ghal bunkering. Ikkonferma li c-charts li kien qed juza kienu *small scale* u ghalhekk ma kienux qeghdin jaghtu vizibilita` dettaljata tal-kosta ta` Malta. Abbazi tax-xiehda tal-Kaptan Chappell, jirrizulta li meta kaptan ikun qed ibahhar qrib il-kosta ta` Malta huwa ghandu juza *large scale chart.* Fuq l-iskorta tax-xiehda tal-Kaptan Grech, il-bastiment konvenut ipprova jiggustifika ghaliex kien qed jaghmel uzu ta` *small scale charts.* Fil-kontr-ezami, l-kaptan in kwistjoni jaccetta li kien aktar ghaqli li kieku ntuzaw *large scale charts.* Anke l-Kaptan Grech jesprimi l-fehma waqt il-kontro-ezami illi kien ikun hafna ahjar li kieku ntuzaw il-*large scale charts.*

Fil-qasam marittimu, partikolarment ghan-navigazzjoni ta` l-bastimenti, ic-charts huma ta` importanza kbira. Il-karti marittimi jigu emendati bl-Avvizi ghall-Bahhara li johorgu minn zmien ghal zmien. Qabel is-27 ta` Awissu 2006, l-Awtorita` Marittima ta` Malta kienet harget zewg avvizi dwar iz-zona involuta fl-incident : Avviz 6/2006 li hareg fis-16 ta` Marzu 2006 ; Avviz 28/2006 li hareg fl-10 ta` Lulju 2006. L-Avviz 6/2006 stabilixxa z-zona ta` akwakultura fejn is-socjeta` attrici ghandha l-qasam tal-hut taghha. L-Avviz 28/2006 stabilixxa l-posizzjoni tal-bagi fil-perimetru ta` din iz-zona. Dawn l-avvizi mbaghad kienu jemendaw l-informazzjoni kontenuta fil-*large scale charts* 194 u 2538. Minn dan jirrizulta illi wara s-16 ta` Marzu 2006, bastimenti ma kellhomx l-awtorizzazzjoni jidhlu fiz-zona ta` akwakultura. L-Avviz 6/2006 kien aggornat fil-karti tal-Ammiraljat Ingliz fl-20 ta` April 2006, u allura hames xhur qabel gara l-incident. Ghalhekk li kieku l-Kaptan Becht uza *large scale charts*, l-Avviz

6/2006 kien ikun indikat fuq dawk ic-charts.

Skond is-socjeta` attrici, ix-xiehda ta` Peter Paul Spiteri tikkonferma li kien hemm dawl qed jimmarka z-zona tal-akwakultura, u li ma kien hemm l-ebda problema bid-dawl meta gara l-incident. Il-konvenuta ma gabet l-ebda prova tajba li kien hemm xi hsara fid-dwal : kemm dawk li jimmarkaw z-zona tal-akwakultura, u dawk li hemm fil-qasam tal-hut. Skond ma xehed il-Kaptan Becht, ghalkemm fil-bidu jghid li ra biss zewg bozoz mixghulin, meta kien mistoqsi mill-Qorti, stqarr illi dawn kienu d-dwal tal-gaggeg. Skond s-socjeta` attrici, il-provi li gabet hi juru li d-dwal kollha kienu qed jahdmu, u li ma hemm l-ebda prova li d-dwal tal-gaggeg u tal-perimetru kienu mitfija jew ma kienux qed jahdmu. Kieku tassew kieku kien veru li l-Kaptan Becht ra zewg dwal biss, tinsorgi d-domanda ghaliex ma ghamilx il-verifiki tieghu jew xeghel *spot light* sabiex jara ahjar.

Dwar ir-radar reflectors, is-socjeta` attrici tissottometti illi wiehed ghandu jitlaq mill-premessa li kien hemm radar reflectors fiz-zona tal-akwakultura. Li kien hemm huwa stabbilit mill-iskizz li pprezenta Dr. Anthony Gruppetta (Dok AG10). L-iskizz juri t-tip ta` bagi li kienu wzati mid-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura. Fuqhom il-bagi ghandhom radar reflectors. Il-vapur konvenut ma gab l-ebda prova li biha ddisputa l-fatt li kien hemm dawn ir-radar reflectors. Ghalkemm mhuwiex kontradett illi meta gara l-incident il-bahar kien ftit imcaqlaq, dan ma jiggustifikax li Kaptan ma jkunx jista` jara radar reflectors fuq ir-radar tieghu. Ghalkemm il-konvenuta ppruvat taghti l-impressjoni li kien hemm nuqqasijiet da parti tas-socjeta`attrici minhabba l-uzu ta` tip ta` radar reflectors, jirrizulta kjarament mill-provi li kemm il-qasam tal-hut kif ukoll il-bagi jkunu vizibbli fuq ir-radar. L-unika problema kienet it-traskuragni grossolana tal-Kaptan Becht li ma hax hsieb li jfittex xi perikolu fuq ir-radar.

Dwar il-posizzjoni taz-zona tal-akwakultura, il-konvenuta ma gabet l-ebda prova li z-zona ma kenitx idoneja. Ghalkemm l-Ing. Paul Cardona jixhed illi kien hemm incidenti ohra ma kienx specifiku u lanqas sostna dak li stqarr. Mill-provi jirrizulta li kien hemm l-elementi kollha sabiex tigi stabbilita l-presenza taz-zona tal-akwakultura. Il-Kaptan Grech esprima l-fehma li l-posizzjoni taz-zona ma kenitx tajba u qal illi l-bagi li jimmarkaw l-perimetru taz-zona mhux tajbin. Skond is-socjeta` attrici, il-bagi huma konformi ma` dak li tghid l-*International Association of Lighthouse Authorities (IALA).* Skond il-Kaptan Grech il-bagi li jintuzaw u cioe l-*special marker buoys* mhumiex adegwati sabiex jimmarkaw iz-zona. Is-socjeta` attrici tirrimarka li skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-IALA : *"when aquaculture farm/s is considered to represent a danger to navigation, it should be marked in accordance with the IALA Maritime Buoyage System, using special marks, lateral or cardinal marks, or a combination thereof …"* Ghalhekk li xehed il-Kaptan Grech dwar l-*special marker buoys* mhuwiex attendibbli.

Rigward l-eccezzjoni tal-bastiment konvenut fejn qieghed jillimita r-responsabilita tieghu skond l-Avviz Legali 361/2003, kif emendat bl-Avvizi Legali 103 u 261 tal-2004, li bihom dahlet fil-ligi taghna l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar *Limitation of Liability for Maritime Claims 1976*, is-socjeta` attrici tissottometti li l-*limitation of liability* m`ghandhiex tigi applikata fil-kaz tal-lum minhabba l-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Mill-provi jirrizulta li l-Kaptan Becht, li kien responsabbli mill-MV Coral Water, kien traskurat u negligenti. Ghalkemm l-inkjesta magisterjali ma sabet l-ebda htija kriminali tal-Kaptan Becht ghall-incident, l-assjem tal-provi fil-kawza tal-lum kien aktar shih u konklussiv. Il-Kaptan Becht jaccetta li meta kien ghaddej mill-ibhra Maltin, huwa messu ghamel uzu minn navigational charts li kienu *large scale* u mhux dawk *small scale*. Ghalkemm irrizulta li ma kellux dawk ic-charts, kien l-obbligu tieghu li jaggorna li kellu hu stess. Il-Kaptan kien negligenti wkoll ghad-dwal li ra, ghaliex minflok ghamel manuvra sabiex jevita d-dwal, ha decizjoni riskjuza u ddecieda li jghaddi minn bejn dan id-dawl minghajr ma xeghel is-*search light*. Il-bastiment konvenut m`ghandux jibbenefika minn limitazzjoni ta` responsabbilita` minhabba t-traskuragni grossolana tal-Kaptan. L-incident ma sehhx minhabba l-kondizzjoni tal-bahar izda minhabba r-riskji zejda li ha l-Kaptan Becht.

Dwar d-danni, is-socjeta` attrici ssostni illi bl-impatt il-bastiment konvenut ikkawza hsara fil-gagga nru 7. Skont il-prospett (Dok 25) id-danni attrici jammontaw ghal €1,961,649.83. Porzjoni sostanzjali ta` d-danni kien dovut ghall-fatt illi harab it-tonn li kien fil-gagga nru 7. Il-konvenuta ghazlet illi ma taghmilx kontroezami lil Giovanni Cappitta dwar il-prospett tad-danni. Skont is-socjeta` attrici bil-fatt li l-konvenuta ghazlet li ma taghmilx il-kontroezami, dak mistqarr minn Cappitta mhuwiex kontradett u kien accettat mil-konvenuta. Tirreferi ghas-sentenzi ta` din il-Qorti fl-ismijiet "**Lawrence sive Lorry Sant vs In-Nutar Guze Abela**" deciza fis-27 ta` April 1993 u "**Michael Agius vs Rita Caruana**" deciza fil-10 ta` Marzu 2011.

Is-socjeta` attrici tirreferi ghal li xehed l-Ing Paul Cardona dwar il-quantum tad-danni, in partikolari dwar l-ghadd tat-tonn. Dwar Dok T2M, tirrileva li fl-2006 ma kien hemm l-ebda obbligazzjoni li kellu jigi ddikjarat l-ghadd tat-tonn li jinqabad. Kull ma kien hemm kienet dikjarazzjoni approssimattiva ta` ammont ta` tonn. Ifisser li hemm *margin of error* li kellu jittiehed in konsiderazzjoni. Tghid li fil-kalkoli tieghu l-Ing Cardona ma kkunsidrax iz-zieda fil-piz tat-tonn. Qaghad biss fuq l-ghadd ta` hut importat u esportat. Fid-dikjarazzjoni tad-dwana Dok T2M, hemm konferma illi li t-tonn mixtri kellu piz ta` 1,526,000 kilos. Dan il-piz jaqbel ezattament mal-fatturi tas-socjeta` spanjola li minghandha nxtara t-tonn datati 25 ta` Lulju 2006 u 31 ta` Lulju 2006. Is-socjeta` attrici tirrimarka illi fl-industrija tat-tonn, il-valur jinkiseb bil-piz tat-tonn mhux bil-kwantita`, fattur li kien skartat mill-Ing. Cardona. It-tonn jikber b`medja ta` 25% fil-piz. Dwar allegat incident li fih kien involut vapor bl-isem Ray G, ma saret l-ebda prova ta` dan l-incident.

Is-socjeta` attrici tirreferi ghax-xiehda ta` Roberto Mielgo Bregazzi. Tghid illi ghalkemm Bregazzi qal li huwa espert indipendenti, fir-realta – u dan hareg bic-car fil-kontroezami - huwa li hadem fl-industrija tat-tonn ghal zmien twil u mbaghad dar kontra l-industrija billi beda kampanja kontra l-industrija. Is-socjeta` attrici zzomm ferm il-posizzjoni taghha li fis-27 ta` Awissu 2006, il-gagga nru 7 kienet mimlija bit-tonn. Dwar dak li ddepona Bregazzi illi l-gagga nru 7 ma setax kellha hut fid-data tal-incident ghaliex ma kienx hemm xibka stallata, is-socjeta` attrici tikkontendi li Bregazzi ddikjara hekk abbazi ta` ritratti li ngibdu l-ghada tal-incident. Spiccat bla hut konsegwenza tal-incident.

**2) <u>Il-konvenuta</u>**

Il-konvenuta tikkontesta l-fondatezza tal-pretensjoni attrici illi fil-waqt tal-incident mertu ta` din il-kawza kien hemm 207 tunnellata tonn fil-gagga in kwistjoni.

Fl-ewwel parti tan-nota, il-konvenut taghmel riassunt tal-fatti tal-kaz.

Fit-tieni parti tan-nota fejn hemm riferenza ghad-danni pretizi mis-socjeta` attrici, il-konvenuta ssostni li huwa ppruvat li fil-gagga nru 7 ma kienx hemm hut fid-data tal-incident i) mir-ritratti li ha Bregazzi fil-21 ta` Awissu 2006 ; ii) minn ritratti li ha l-Kaptan Becht l-ghada tal-incident ; u iii) minn ritratti li ha s-scene of crime officer PC 186. Hemm ukoll provi ohra li hargu mix-xiehda ta` persuni ohra.

Il-konvenuta tirreferi ghax-xiehda ta` Carmel Vella. Fil-filmat li ha Carmel Vella, in partikolari tal-gagga nru 7, jidher ir-*rubber ring* li mieghu kienet marbuta x-xibka tal-gagga. Jidher kif kienet marbuta x-xibka mar-*rubber ring* bi hbula hodor. Jidhru wkoll xi floats sofor li jzommu x-xibka fil-wicc. Jekk wiehed iqabbel dak li jirrizulta mill-filmat mar-ritratti li hadu l-Kaptan Becht u PC 186, isib li ma jidhru l-ebda hbula u l-ebda floats izda jidher ic-cirku biss. Li kieku tassew dakinhar kien hemm xibka mwahhla, konsegwenza tal-impatt, kien jibqa` mqar bicca mwahhla mix-xibka. Fil-filmat jirrizulta wkoll li x-xibka li tidher ta` l-gagga nru 7 kienet mahmuga hafna, filwaqt li x-xibka ta` l-gagga nru 5 hija nadifa. Sahansitra t-ticrita li tidher fix-xibka, ticrita li suppost saret minn vapor, jirrizulta li mhijiex qeghda fin-naha fejn laqat il-vapur, izda tinsab fuq in-naha l-ohra.

Il-konvenuta tirreferi ghax-xiehda tal-Ing Paul Cardona, in partikolari ghall-konkluzjonijiet tieghu illi s-socjeta` attrici ma setghet qatt garrbet telf ta`

207 tunnellata hut. Skond il-konvenuta, il-figuri tas-socjeta` attrici ma jinkwadrawx lanqas aritmetikament u kwindi l-kostatazzjonijiet tal-Ing Cardona huma affidabbli tassew.

Il-konvenuta ssostni illi kieku tassew kien il-kaz illi l-bastiment qaccat ix-xibka, l-ewwel hsara li kienet iggarrab il-gagga kien ikun fir-*rubber tubing*. Il-fatt illi ma kien hemm l-ebda hsara fir-*rubber tubing* huwa prova ohra li l-bastiment ma laqatx il-gagga.

Dwar il-kritika li ghamlet is-socjeta` attrici ghamlet fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha dwar il-kostatazzjonijiet tal-Ing Cardona, in partikolari dwar ir-riferenza tieghu ghall-ghadd tal-hut mhux ghall-piz, il-konvenuta tirrimarka li t-twegibiet kollha tal-Ing Cardona in kontroezami jwarrbu kull dubju dwar l-attendibilita` tal-kostatazzjonijiet tieghu. Dwar li qalet is-socjeta` attrici fin-nota taghha illi fl-2006 ma kien hemm l-ebda obbligu li jigi ndikat l-ghadd tal-hut, il-konvenuta tikkontendi li dik hija biss allegazzjoni li bl-ebda mod ma kienet ippruvata. Fil-fatt it-*transhipment declaration*, il-*caging declaration* u anke l-*administrative documents* kollha jindikaw l-ammont ta` l-hut u mhux il-piz. Anke dan huwa prova li s-socjeta` attrici ma garrbitx telf. Lanqas saret il-prova li t-tonn bhala medja jzid fil-piz b`rata ta` 25%.

Skond il-konvenuta, is-socjeta` attrici ssostni li ghalkemm fis-6 ta` Awissu 2006 ma kienx hemm hut fil-gagga nru 7, hija ttraslokat 207 tunnellata hut f`dik il-gagga sakemm sehh l-incident in kwistjoni. Il-konvenuta tghid illi mill-*caging declarations* li s-socjeta` attrici tat lill-Ing Cardona, jirrizulta li l-*caging* sar bejn is-16 u 17 ta` Lulju 2006, u li ma kien hemm l-ebda *caging* wara dawk id-dati. Tghid li ebda dokument ma kien ipprezentat li juri li bejn is-6 ta` Awissu 2006 u s-26 ta` Awissu 2006 kien hemm spostament ta` hut minn gagga ghal ohra.

Il-konvenuta tinsisti fuq it-tempestivita` - u allura l-affidabilita` tar-ritratti esebiti mill-Kaptan Becht – billi dawn ittiehdu l-ghada tal-incident.

Il-konvenuta tirreferi wkoll ghal fejn fid-deposizzjoni ta` Giovanni Cappitta xehed illi wara li jinqabad it-tonn, dan jibqa` fil-gaggeg ghal diversi xhur qabel jinqatel fl-istagun tal-mattanza. L-istess Cappitta jirrileva li fl-2007 minn ghaxar (10) gaggeg kien hemm sebgha (7) biss li kienu mimlijin. Il-konvenuta tghid illi bl-istqarrija rieghu Cappitta gab fi-xejn l-allegazzjoni tac-caqlieq tal-hut fil-jiem indikati qabel l-incident.

Dwar l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li d-danni mhux qed jigu kkontestati il-konvenuta tafferma l-maqlub.

Tghid il-konvenuta illi hija gabet provi inkonfutabbli li l-pretensjoni ghal risarciment ta` danni mhux biss ghandha tigi skartata izda li t-talba hija fiha nnfisha mtebba` bi frodi. Il-fatt li hija gabet xhieda fattwali biex tipprova n-natura frawdolenti tal-allegat telf ta` tonn hija fiha nnifisha kontestazzjoni.

Il-konvenuta tghid ukoll illi l-incident de quo ma garax bi htija tal-bastiment, kaptan jew ekwipagg tal-MV Coral Water :–

i) <u>Il-kondotta tal-ekwipagg u t-temp dak il-lejl</u> :

Skond ir-rapport tal-Kaptan Lanfranco, li kien inhatar bhala espert fl-inkjesta magisterjali, ir-rih kien mill-majjistral li beda forza 4, sar forza 5 u li lokalment tard bil-lejl kien forza 6. Il-bahar kien moderat li jsir qawwi. Jirrizulta li meta l-bastiment spicca jiehu l-bunkers, fuq il-pont kien hemm il-Kaptan Becht, ic-chief mate Martijn Mantz u l-able seamen Fernando Antonio do Rosario. Kollha kkonfermaw li meta l-Kaptan ra z-zewg echoes fuq ir-radar li kienu qed jidhru fuq in-naha tal-istarboard (lemin) meta hargu fuq il-pont irrizulta li dawn kienu zewg bastimenti zghar ankrati. Ilkoll ikkonfermaw li fl-ebda mument dawn il-bastimenti ma ppruvaw jaghmlu kuntatt maghhom.

ii) <u>Iz-zona ta` akwakultura qatt ma messha tpoggiet daqstant qrib iz-zona tal-bunkering</u> :

Irrizulta li din z-zona ta` akwakultura tinsab bejn erba` (5) jew hames (5) mili nawtici boghod minn Zonqor Point. Skond Dr. Anthony Gruppetta, din z-zona kellha tkun delineata permezz ta` sitt (6) bagi, kollha bid-dawl. L-obbligu li jitpoggew dawn il-bagi kien tad-Dipartiment tas-Sajd li ha hsieb jitlob u jikseb il-permess minghand il-MEPA sabiex issir iz-zona tal-akwakultura.

Fost id-dokumenti li pprezenta, Dr Gruppetta esebixxa ittra datata 1 ta` Settembru 2006, fejn s-socjeta` attrici kienet awtorizzata taghmel il-qasam tal-hut. Irrizulta li s-socjeta` attrici nghatat permess biex tpoggi l-ankri ghall-fish farm fl-1 ta` Settembru 2006, u cioe` hamest ijiem wara l-incident. L-ittra tghid : *"Mare Blu were authorised to commence operations within the 2006 tuna season and introduce their cages with fish on the 19th July 2006."*

Kemm l-Ing Cardona kif ukoll il-Kaptan Grech xehdu li l-qasam tal-hut in kwistjoni kien jinsab qrib wisq il-bunkering locations.

iii) <u>Iz-zona tal-akwakultura u l-qasam tal-hut tas-socjeta attrici ma kellhomx id-dwal li suppost kellhom</u> :

Il-persuni li ddeponew fl-inkjesta magisterjali qalu li rawx is-sitt (6) li kellhom iservu sabiex jindikaw is-sitt (6) bagi izda raw biss zewgt (2) idwal.

Skond Dr Anthony Gruppetta, anke il-gaggeg stess tal-qasam tal-hut kellu jkollhom dawl iteptep fuqhom.

iv) <u>Iz-zona tal-akwakultura ma kellhiex navigational marks addattati</u> :

Kien ikkonfermat illi l-bagi li tqeghdu madwar il-perimetru kienu "*special marker buoys*". Il-konvenuta tirreferi ghal li xehed il-Kaptan Grech dwar dawn il-bagi u ghall-konkluzjoni tieghu illi dawk it-tip ta` bagi kienu bla utilita` u bla rilevanza sabiex jiddemarkaw zona tal-akwakultura.

Tghid il-konvenuta illi ghalkemm s-socjeta` attrici ppruvat tattakka l-kredibilita` tal-Kaptan Grech, il-fondatezza tad-deposizzjoni tieghu ssir sostenn fl-Avviz ghall-Bahhar 45/2009 fejn kien iddikjarat illi : *"The navigational aids marking precisely this aquaculture zone are unreliable".*

Tinsisti l-konvenuta li ma kienx ippruvat li kien hemm dwal fuq il-gaggeg tal-fish farm. Is-socjeta` attrici toqghod fuq ix-xiehda ta` Peter Paul Spiteri illi kull gagga kellha dwal li kienu mwahhlin fuq poles. Il-konvenuta tirreferi ghal serje ta` ritratti li ha l-Kaptan Becht u fuq l-iskorta taghhom tikkonkludi li fuq gagga nru 5 ma jidhrix li kien hemm poles ; fuq gagga nru 7 kull ma jidher huwa r-*rubber tubing* u poles xejn ; u lanqas ma jidhru poles ma` l-gaggeg nru 6 u 3. Inoltre mix-xiehda ta` Dr Anthony Gruppetta hareg illi ma kien hemm l-ebda obbligu fuq is-socjeta` attrici li tqieghed dawl fuq il-gaggeg. Lanqas l-Awtorita` Marittima ma kienet tesigi li dan isir. Tghid il-konvenuta li mill-kumpless tal-provi rrizulta li d-dwal taz-zona gieli nqatghu, id-dawl ma jahdimx bl-energija solari, u mhux minnu li kull gagga kellha erbgha (4) bozoz.

v) <u>Ir-radar reflectors mal-perimetru taz-zona, jekk kienu qed jahdmu, kienu baxxi wisq biex jibghatu echo lir-radar</u> :

Il-konvenuta tinsisti li l-qasam tal-hut ma kellux radar reflectors mal-gaggeg ; jew jekk kien hemm, ma kienux adegwati. Jekk is-sitt (6) bagi tal-perimetru kellhom radar reflectors, billi dak il-lejl l-imbatt kien ta` tliet (3) metri, kwalunkwe echo li dawn setghu jibghatu fil-fatt kien jintilef. Minhabba l-kondizzjonijiet tal-bahar, anke jekk kien hemm radar reflectors, kemm mal-

gaggeg kif ukoll maz-zona, l-echoes kienu jintilfu fil-clutter minhabba l-mewg tal-bahar.

Il-Kaptan Becht u l-ekwipagg tieghu zammew proper look out kemm bil-vizwali taghhom, kif ukoll fuq r-radar.

vi) <u>Il-qasam tal-hut ma kellhux radar reflectors</u> :

Mill-provi li tressqu rrizulta li ma kienx hemm radar reflectors la mal-gaggeg u lanqas mal-qasam tal-hut. L-uniku xhud li ressqet is-socjeta` attrici dwar ir-radar reflectors kien Peter Paul Spiteri li stqarr illi kien hemm xi tmintax (18) il-bozza jew reflectors, u li kien hemm tmien (8) radar reflectors fuq kull gagga. Imbaghad fil-kontroezami, stqarr illi fuq kull gagga ikun hemm erba` (4) radar reflectors ; u wara qal li jkun hemm wiehed (1). Ix-xhud qal ukoll kif dawn ir-radar reflectors kienu mwahhlin ma` lasti. Issa r-ritratt nru 10 li pprezenta l-Kaptan Becht ma juri l-ebda lasta. Meta Spiteri mmarka sebat (7) idwal fuq ritratt nru wiehed (1), u l-kaptan kien mistoqsi jekk lights poles humiex radar reflectors ukoll, il-kaptan wiegeb illi "*lights are not radar reflectors*". Ix-xhud Bregazzi kkonferma li meta hu mar fis-sit ma kien hemm l-ebda dwal ; qal ukoll li ghalkemm kien hemm lasti, ma kienx hemm radar reflectors.

Dwar il-kwistjoni jekk il-bagi tal-perimetru kellhomx radar reflectors, Spiteri xehed illi apparti d-dawl, il-bagi huma minnhom stess reflectors. Issa r-ritratt nru tmintax (18) juri dik li tidher li hija baga safra. Skond il-konvenuta, is-socjeta` attrici ma tistax tghid li l-bagi huma radar reflectors, meta rrizulta li radar reflector irid ikun gholi u maghmul minn materjali partikolari. Il-bagi li accenna ghalihom Spiteri jservu biss sabiex jintrabtu l-hbula maghhom.

Il-konvenuta tirreferi ghall-inkjesta magisterjali li kkonkludiet illi l-bastiment konvenuta ezercita proper lookout, kemm vizwalment kif ukoll bir-radar, u esonerat lill-kaptan mir-responsabilita` ghall-incident. Il-qasam tal-hut ma kienx immarkat fuq in-navigational charts li kien qed juza l-kaptan.

Skond il-konvenuta, il-Kaptan Becht huwa xhud affidabbli ; fid-drabi li xehed u cioe` ezatt wara l-incident de quo, quddiem l-esperti tal-qorti fl-inkjesta magisterjali, fl-ewwel affidavit tieghu, fit-tieni affidavit tieghu u fil-kontrezami, huwa kien konsistenti fid-deposizzjoni tieghu.

Il-konvenuta twiegeb ghall-argument tas-socjeta` attrici li l-kaptan ma ghamilx uzu ta` searchlight sabiex jara jekk kienx hemm qasam tal-hut. Tghid

illi skond ir-Regolamenti Internazzjonali dwar il-Kollizjonijiet Marittimi 1972, bastiment li jkun miexi bil-lejl huwa pprojbit milli jkollu xi dawl iehor bhal searchlight, minbarra s-side lights, il-mast light, s-second mast light u l-istern light. Tirreferi ghal Rule 20.

Il-konvenuta twiegeb ghall-argument tas-socjeta` attrici li l-kaptan kien messu kellu u ghamel uzu ta` *large scale charts.* Skond il-konvenuta, dan l-argument huwa insostenibbli. Tirreferi ghal dak li xehed il-Kaptan Chappell u dwar l-fatt li meta l-Kaptan Becht telaq minn Porto Torres r-rotta tieghu kienet ghal Port l-Kbir, u ghalhekk ghazel dawk il-mapep li kienu jiehduh sal-Port il-Kbir. Huwa ma setax ikun jaf li l-bunkering ma kienx se jsir fil-Port il-Kbir. Ghalkemm inghad illi meta wiehed jivvjagga hdejn il-kosta huwa dejjem ahjar li jintuzaw il-mapep ta` skala kbira, billi l-Kaptan qatt ma kellu l-intenzjoni li jivvjagga mal-kosta ghaliex haseb li l-bunkering kien se jsir fil-Port il-Kbir, dehrlu li ma kellux bzonn il-mapep ta` skala kbira. Ghalhekk l-assenza tal-*large scale charts* mhijiex att ta` negligenza. Inoltre rrizulta li anke li kieku l-Kaptan Becht kellu u ghamel uzu tal-mapep ta` skala kbira, xorta wahda jidher li z-zona ta` akwakultura ma kenitx immarkata fuq dawk il-mapep. Mill-provi rrizulta nfatti fuq bazi ta` probabilita` li l-mapep BA 194 u 2538 ma kienux aggornati bil-korrezzjonijiet skond l-Avvizi lill-Bahhara 6/2006 u 28/2006. Tirreferi ghax-xiehda tal-Kaptan Chappell u tal-Kaptan Grech. L-Avviz 6/2006 li stabilixxa z-zona ta` akwakultura affettwa l-mapep 194 u 2538, li huma ta` skala kbira ; minhabba kwistjoni ta` dewmien mhux probabbli li l-Avviz lahaq il-vapur. L-Avviz 28/2006 li stabilixxa fejn tpoggew is-sitt (6) bagi ma kienx ippubblikat mill-Ammiraljat Ingliz, inkluz fil-mappa 2538, sal-14 ta` Awissu 2008. Il-konvenuta tkompli tirrileva illi l-incident gara meta l-bastiment kien sejjer `il barra mill-kosta ta` Malta ; ghalhekk anke jekk kien possibbli li jintuzaw il-mapep ta` skala kbira, xorta wahda l-Kaptan kien ibiddel ghal mapep ta` skala zghira ladarba ma kienx aktar qrib il-kosta.

Dwar s-sottomissjoni tas-socjeta` attrici li l-bastiment missu kkomunika ma` l-Valletta Port Control sabiex jizgura li ma kienx hemm perikoli ghan-navigazzjoni, il-konvenuta tirrileva li mill-proces verbal irrizulta li meta spicca mill-bunkering, il-Kaptan informa lil Valletta Port Control li kien se jipprocedi fuq rotta lejn il-Grigal lejn il-Grecja. Izda Valletta Port Control ma tat l-ebda twissija li fuq dik r-rotta kienu se jsibu fish farm.

Dwar id-dritt tal-bastiment li jillimita r-responsabilita`, il-konvenuta tirreferi ghall-*Convention on Limitation of Liability for Maritime Claims 1976*, u ghall-*Protocol of 1996 to amend the Convention on Limitation of Liability for Maritime Claims of 19 November 1976*, liema protokoll sar parti mil-ligi taghna permezz tal-Merchant Shipping Regulations 2003. Taghmel riferenza ghall-Art 2 u 8 tal;-Konvenzjoni fejn il-limitu ta` responsabbilita huwa ta` Lm 550,141.67. Issa s-socjeta` attrici qeghda tikkontendi li l-limitu ta` responsabbilita m`ghandux japplika ghaliex hemm r-rekwiziti previsti taht l-Art 4 u cioe` " ...

*committed with the intent to cause such loss, or recklessly and with knowledge that such loss would probably result."* Skond id-dottrina jinghad illi *"under the 1976 Convention, it is difficult, if not impossible, to break the right to limit."* Sabiex jigi applikat l-Art 4 iridu jirrizultaw zewg cirkostanzi : i) jigi ppruvat illi t-telf irrizulta minn att jew omissjoni mwettqa mill-persuna responsabbli bil-intenzjoni li tikkawza tali telf ; u ii) jew b`traskuragni u bl-gharfien li tali telf x`aktarx ssir. L-ewwel cirkostanza ghandha tkun eskluza ghaliex mill-inkjesta magisterjali rrizulta illi *" ... jidher car li kien incident involontraju ..."* waqt li ghar-rigward tat-tieni cirkostanza, l-inkjesta magisterjali stabbiliet illi l-incident *"gie kagunat mhux minn nuqqas tal-ekwipagg ... imma minn fatturi li .. ma kellhomx kontroll fuqhom".*

In vista ta` dan kollu, il-konvenuta tissottometti li din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici.

## IV. <u>Konkluzjonijiet dwar responsabilita`</u>

Ladarba huwa eskluz li din tal-lum hija azzjoni ghal danni *ex contractu,* il-Qorti sejra *f`dan l-istadju* tqis ir-responsabilita` ghal danni naxxenti minn *culpa aquiliana.*

L-**<u>Art 1031 tal-Kap 16</u>** jistabilixxi illi "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*". Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur tal-hsara huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li l-att igib mieghu.

Il-ligi *generali* taghna ma taghtix tifsira ta` *culpa* izda bhala effett tal-**<u>Art 1032(1) tal-Kap 16</u>** tidentifikaha bhala mgieba fejn jirrizulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-*bonus paterfamilias.*

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **<u>Kollez. Vol. XXX. I. 142</u>**).

Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "*l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **<u>Kollez. Vol. XLII. I. 74</u>**). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuz ; "*prevedibilita` din li trid tkun ta`*

*probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **<u>Kollez. Vol. XLVIII. I. 258</u>**). Ikompli jinghad fis-sentenza riportata fil-**<u>Kollez. Vol. XXIV. I. 172</u>**, illi tissussisti l-*culpa* : "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*"

Fis-sentenza fil-kawza "**<u>Michael D`Amato noe vs Filomena Spiteri et</u>**" deciza minn din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) fit-3 ta` Ottubru 2003, b`riferenza ghall-Art 1031 tal-Kap 16, jinghad :–

*"Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l- lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu ;*

*Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali"*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "**<u>Paul Azzopardi et vs Charles Grech et"</u>** inghad illi :-

*" … jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi*

*Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il- ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom"*

**Dan premess u stabbilit <u>in linea generali</u>, il-Qorti tosserva li bl-<u>ewwel talba</u>, is-socjeta` attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara lill-bastiment konvenut MV Coral Water unikament responsabbli ghall-incident de quo *minhabba traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli.***

**Evidentement is-socjeta` attrici mpostat l-ewwel talba b`dak il-mod sabiex tkun tista` xxejjen kwalsiasi limitazzjoni ta` responsabilita` li jista` javvanza l-bastiment skond il-ligijiet marittimi. Fil-fatt hekk ghamel il-bastiment fil-kaz tal-lum (ara l-hames eccezzjoni). Billi l-ligijiet marittimi jikkostitwixxu *legis specialis* huma jidderogaw mil-ligi generali u cioe` mid-disposizzjonijiet tal-*culpa aquiliana* skond il-Kodici Civili (op. cit.)**

**Il-Qorti sejra tqis din it-talba l-ewwel qabel kull konsiderazzjoni dwar danni. Jekk l-ewwel talba kif dedotta tkun ippruvata u milqugha, allura l-Qorti tghaddi biex tqis iz-zewg talbiet l-ohra. Jekk l-ewwel talba tkun michuda, allura kull konsiderazzjoni dwar quantum ta` danni tkun inutili, billi z-zewg talbiet l-ohra huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba, li jfisser illi michuda l-ewwel talba, jkunu michuda t-tnejn l-ohra wkoll.**

**Fl-ewwel talba s-socjeta` attrici qeghda tistrieh fuq responsabilita` <u>kwalifikata</u> sabiex tkun tista` tikseb risarciment <u>shih mhux limitat</u> tad-danni li taghhom qeghda titlob risarciment.**

**Dan premess, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-assjem tal-provi li gabu l-partijiet.**

**Tistqarr mill-ewwel illi fil-kaz tal-lum il-Qorti tinsab rinfaccjata b`konflitt ta` deposizzjonijiet, kif del resto huwa ben evidenti mir-rassenja tal-provi li diga` ghamlet. Dawk l-istqarrijiet bil-gurament ghandhom piz ghall-accertament tal-fatti, u ghad-determinazzjoni tar-responsabilita` skond l-ewwel talba attrici.**

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**<u>Xuereb et vs Gauci et</u>**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus*

*absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – **PA/CC** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*"… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova*

*mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

*Iżda f`każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f`kawża ċivili d-dolo jista` jiġi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b`tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f`min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Iżda dak li jgħodd f`kawża m`huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f`kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu*

*l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta` ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et).”*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza “**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**” inghad hekk :-

*“(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.”*

Dan premess, il-Qorti taghmel dawn **l-osservazzjonijiet** :-

1) Is-socjeta` attrici nghatat il-permess sabiex topera qasam tal-hut fiz-zona in kwistjoni b`ittra li ggib id-data tal-1 ta` Settembru 2006.

2) Skont din l-ittra s-socjeta` attrici kienet awtorizzata tibda topera b`sehh mill-istagun tat-tonn 2006. Ghalhekk setghet tpoggi l-gaggeg taghha mid-19 ta` Lulju 2006.

3) Skont Dok MG2 (a fol 427) jirrizulta li l-bastiment konvenut dahal fil-qasam tal-hut min-naha ta` fejn kien hemm il-gaggeg nru 5 u 7.

4) Abbazi tal-proces verbal tal-inkjesta magisterjali li kienet konkluza fis-7 ta` Awissu 2007, <u>u li jikkostitwixxi prova ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi</u> <u>anke ghall-fini tal-kawza tal-lum</u>, jirrizulta illi l-Kaptan aderixxa mar-regolamenti <u>kollha</u>, kemm internazzjonali u kemm lokali, sabiex jigu evitati kollizjonijiet marittimi. Fl-istess att, tirrizulta l-konkluzjoni li l-kawzi principali tal-incident kienu l-kondizzjonijiet meteoroligici hziena abbinati mal-isfortuna. Jinghad ukoll li dak kien incident involontarju li gara mhux minn nuqqas tal-ekwipagg izda minn fatturi ohra li ma kellhomx kontroll fuqhom.

5) Jidher illi l-accertamenti tal-inkjesta magisterjali kienu accettati <u>ghal dak li jirrapprezentaw</u> ghaliex wara l-presentata tal-istess, ghall-fini u effetti tal-procediment tal-lum, l-ebda parti ma talbet li taghmel domandi sabiex tikseb prova ulterjuri : la mill-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti ; u lanqas minn dawk ix-xhieda li ddeponew fl-inkjesta u li ma xehdux fil-kawza tal-lum.

6) Il-Qorti sejra tirreferi ghal dak mistqarr mill-Kaptan tal-bastiment konvenut, u cioe` il-protagonista. Skond id-deskrizzjoni tal-akkadut hekk kif moghtija mill-Kaptan Brech, ighid illi huwa kien fuq il-*bridge* tal-vapur flimkien zewg membri ohra tal-ekwipagg. <u>Mhux kontradett</u>. Ighid illi ra zewgt idwal biss. Hasibhom id-dwal ta` fishing line ; ghalhekk iddecieda li jghaddi minn bejniethom. Wara li sehh l-incident, irrizulta li fir-realta` dawk ma kienux id-dwal ta` fishing line izda l-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici.

7) Jirrizulta li l-bastiment konvenut dahal minn hdejn il-gagga nru 7 tal-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici, u nqabbad mal-hbula tal-ewwel baga. L-iskruna kienet mwahhla mal-hbula. Skond il-Kaptan, ma setghux jolqtu xi gagga.

8) Ix-xhud Carmel Vella jghid illi l-hsarat li kien hemm fuq it-tubu tal-plastic tal-gagga nru 5 ma setghux gew ikkawzati minn vapur zghir bhalma

huwa l-vapur konvenut. Il-Kaptan Grech jixhed illi ladarba l-Kaptan Becht ra zewgt idwal biss huwa ghamel tajjeb li assuma li dik kienet fishing line u tajjeb li ghadda minn bejniethom. Il-vapuri li kienu ghassa ma` l-qasam tal-hut kellhom mezzi kif jissenjalaw li hemm perikolu, u meta ndunaw li bir-radju VHF ma kienux qed jikkomunikaw mal-vapur konvenut kien messhom ghamlu uzu minn mezzi ta` senjalazzjoni alternattivi. Skond il-Kaptan Grech, il-vapur konvenut ma dahalx minn hdejn gaggeg nru 10 u nru 9 kif issuggeriet is-socjeta` attrici. Skond l-Ing Cardona, il-vapur ma dahalx mit-tramuntana. Qal ukoll li minhabba l-kondizzjonijiet tat-temp kien impossibbli ghall-vapur konvenut illi jara d-dwal fuq il-gaggeg.

9) Dwar id-daqs tal-vapur konvenut, jirrizulta mill-preponderanza tal-provi li si trattava ta` bastiment zghir. Kif xehed il-Kaptan Chappell, b`dan it-tip ta` bastiment, wiehed ma jistax jara fit-tul u sostna li minghajr radar reflectors, ikun difficli li jara l-fish farm jekk ikun hemm maltemp.

10) Milli xehdu l-Kaptan Becht u l-Ing Cardona, meta gara l-incident, il-bahar kien forza 5 b`mewg gholi bejn tnejn (2) u tliet (3) metri kif ukoll b`imbatt ta` bejn tnejn (2) u tnejn punt hamsa (2.5) metri.

11) Dwar il-karti nawtici u cioe` ic-charts, il-Qorti tirrileva li kienet esebita chart 194 (Dok MC1) : jidher mid-data li hemm fuq wara li din hija datata 29 ta` Mejju 2007, ghalhekk wara l-incident. F`din ic-chart iz-zona tal-akwakultura hija markata ghalkemm il-qasam tal-hut mhuwiex. F`din ic-chart jinghad illi :– " *Marine Farms may exist within the area of this chart. They may not all be shown individually and their positions may change frequently. Marine farms may be marked by unlit or lit buoys or beacons. Mariners are advised to avoid these structures and their associated moorings and to monitor Radio Navigational Warnings."* Kienet esebita chart 2123 (Dok AF1) : oltre l-fatt li anke f`din ic-chart hemm l-avviz li ccitat, minn dak li setghet tara l-Qorti z-zona ta` akwakultura hija mmarkata. Chart 176 (Dok AF2) kienetipprezentata wkoll : din ic-chart la tinkludi l-avviz dwar il-possibilita li jkun hemm xi qasam tal-hut, lanqas ma hija markata xi zona tal-akwakultura hdejn Malta. Inoltre din ic-chart ma taghti l-ebda dettalji dwar Malta.

12) Tosserva li l-Avviz lill-Bahhara 6/2006 datat 16 ta` Marzu 2006 (Dok AG7 – fol 213) jistabilixxi z-zona tal-akwakultura. Ighid : *"In view of the above, mariners are warned that they may encounter tuna cages within the area `A, B, C and D` after 1 April 2006."* L-Avviz jemenda c-charts BA 194 u 2538, kif ukoll 2123 u 2124. L-Avviz 6/2006 kien ippubblikat fl-Avvizi tal-Ammiraljat fil-20 ta` April 2006. Fl-inkjesta magisterjali kien stabbilit illi ghalkemm iz-zona tal-akwakultura kienet ufficjalizzata bl-Avviz lill-Bahhara 6/2006, sal-10 ta` Lulju 2006 ma kienu tqeghdu l-ebda marki, sinjali jew dwal madwar il-gaggeg.

Bl-Avviz lill-Bahhara 29/2006, tqeghdu sitt (6) "special marker buoys" sofor sabiex jigi ndikat l-posizzjoni tal-gaggeg. Jidher evidenti li bosta mic-charts ma kienux aggornati ; b`hekk wiehed seta` facilment ma jkunx jaf b`mod ezatt fejn kienu sitwati l-gaggeg. L-espert marittimu fl-inkjesta esprima ruhu fis-sens illi kien ikun ahjar li kieku l-Kaptan Becht uza chart 194 jew 2358.

13) Tkompli tirrileva dwar l-uzu tac-charts li l-Kaptan Brech xehed illi ghall-bidu kien qed juza chart BA 2123 u li wara bidel ghal BA 176, li t-tnejn huma *small scale charts.* Fil-kontroezami huwa jghid illi *ex post facto* kien forsi ahjar li kieku sar uzu tac-charts BA 2538 u 194 li huma *large scale charts.* Ghal din il-Qorti din l-affermazzjoni mhijiex prova *a priori* ta` *traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli.* Il-Kaptan Grech xehed illi l-Avviz 6/2006 ma jigix rifless fic-charts BA 176 u 2123 ghaliex dawn huma ta` skala zghira ; l-emenda tigi riflessa biss fil-*large scale charts.* In kontroezami mbaghad jaccetta l-possibilita li l-Kaptan Becht seta` sar jaf dwar dan l-Avviz. Mill-investigazzjoni li ghamel il-Kaptan Grech irrizulta li l-Avviz 28/2006, li kien l-avviz li ndika l-fish farm, kien trasmess mill-Ammiraljat Ingliz hafna wara l-incident, u li ghalhekk jista` jkun li c-charts li kellu l-Kaptan Bech ma kienux emendati b`dan l-Avviz. Il-Kaptan Grech izid illi minhabba li l-vjagg tal-MV Coral Water kien minn Porto Torres ghal Tuzla, il-Kaptan ma kellux bzonn juza c-charts 194 u 2538, u cioe` l-*large scale charts,*, izda kien bizzejjed li juza l-176 u 2123 li kienu s-*small scale charts.*. Mill-investigazzjoni li ghamel irrizulta wkoll li bl-Avviz 45/2009 kien hemm avviz li s-sinjali marittimi ta` din z-zona kellhom jitqiesu bhala "*unreliable*" – riferibbilment ghall-i*special marker buoys* li kienu mal-perimetru taz-zona tal-akwakultura. Anke l-Ing Cardona jsostni li l-Kaptan Becht ma kienx marbut juza l-*large scale charts* 194 u 2538.

14) Dwar il-gaggeg tat-tonn. Ghall-fini tal-accertament tal-ewwel talba, il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kontestazzjoni netta li ghamlet il-konvenuta dwar l-allegat telf ta` tonn reklamat mis-socjeta` attrici. Sejra tillimita ruhha ghad-dehra tal-gaggeg. Ghandu jinghad illi mill-filmat li ha l-ghaddas Carmel Vella jidher li kien hemm sinjali zghar ta` kuntatt mal-gagga, ghalkemm ma kienx hemm hsara hlief ghal xi sitt (6) hbula li tqacctu. Il-filmat tal-gagga nru 7 juri li x-xibka li tidher mhux biss kellha toqba ta` dimensjoni ta` 10m x 3m izda jidher li kienet xibka mimlija hut mejjet u mcarrta f`diversi partijiet. L-Ing Cardona xehed illi meta mar fis-sit fit-28 ta` Awissu 2006, fuq kull gagga kien hemm tlett (3) bozzoz jigifieri kien hemm wahda kull erbghin (40) metru ; fil-fehma tieghu, il-gaggeg ma kienux imdawwlin tajjeb.

15) Dwar il-bagi. Il-Qorti tinnota li mir-ritratti li gew esebiti bhala Dok AF3, fit-tieni ritratt, il-bagi li qeghdin mal-perimetru bil-kemm tista` tarahom ; jekk dawn kellhom dawl fuqhom, huwa probabbli li matul dak il-lejl bil-bahar kif kien dak il-hin il-bastiment konvenut ma kienx jinduna bihom. Il-bagi s-sofor li jidhru fir-ritratti huma minghajr dubju bagi minghajr dawl ; hekk jidher mis-sitt

ritratt. Ghalhekk huwa aktar u aktar improbabbli li l-vapur konvenut seta` jara l-bagi. Skond l-ittra datata 16 ta` Marzu 2006 (Dok AG8 a fol 214) l-Awtorita` Marittima ta` Malta avzat illi z-zona ta` akwakultura kienet se tigi mmarkata b`sitt (6) *special marker buoys* : wahda f`kull kantuniera ; u wahda fin-nofs tal-perimetru kemm min-naha ta` nofsinhar u kif ukoll mit-tramuntata. Dawn kellu jkollhom dijametru ta` bejn 2.5 sa 3 metri. Dok AG10 juri dizinn ta` kif kellhom ikunu dawn il-bagi. Skond l-IALA recommendation (a fol 443) jirrizulta illi : "*when an aquaculture farm/s is considered to represent a danger to navigation, it should be marked in accordance with the IALA Maritime Buoyage System, special markers, lateral or cardinal marks or a combination thereof…"* Giovanni Capitta xehed illi kien hemm dwal mixghulin matul l-lejl madwar il-fish farm kollu, minbarra l-bagi li hemm madwar il-perimetru taz-zona. Il-Kaptan Chappell qal li d-dawl jahdem bil-batterija. Il-Kaptan Degabriele xehed illi hemm dwal fuq il-bagi ghalkemm kien hemm numru ta` problemi. It-tip ta` baga hija *special marker buoy*. Minhabba d-daqs ta` dawn il-bagi, jekk ikun hemm imbatt qawwi, il-baga u d-dawl jitghattew u ma jkunux jidhru. Dr Gruppetta xehed illi dawn id-dwal mhux kontrollati regolarment u ma hemmx log ta` meta ssir l-manutensjoni taghhom. Peter Paul Spiteri stqarr illi hemm tmien (8) bagi madwar il-fish farm li b`kollox ikollhom madwar 16 jew 18 –il bozza. Id-dawl jahdem bl-energija solari u meta bozza minnhom tmur, ikun hemm ohra li ddur warajha. Il-Kaptan Becht xehed illi kien wara l-incident li nduna li z-zewg dwal li ra kienu dwal li kienu mwahhlin ma` gaggeg ; u nsista li ma rax bagi mal-perimetru ta` z-zona. Il-Kaptan Grech jghid li minhabba l-kondizzjonijiet tal-bahar huwa probabbli li mill-bastiment konvenut ma setghux jaraw il-bagi. Dawl fuq *stainless steel poles* mhuwiex dawl adegwat ghal sitwazzjoni ta` dik ix-xorta. L-*special marker buoys* li jintuzaw sabiex jimmarkaw il-perimetru taz-zona tal-akwakultura ma kienux adegwati u allura ma kellhomx utilita`. Meta l-qorti tfittex sintesi ta` dawn il-fatti u cirkostanzi, tasal biex tikkonkludi li minhabba l-kondizzjoni tal-bahar konsegwenza tal-kondizzjoni tat-temp huwa probabbli l-bagi mal-perimetru ma kienux jidhru u mhux ghaliex kien hemm xi nuqqas ta` *proper lookout* da parti tal-bastiment konvenut. Irrizulta wara l-akkadut li z-zewgt idwal li ra l-Kaptan qabel l-incident kienu ta` gagga.

16) <u>Dwar ir-radar reflectors</u>. Il-Kaptan Chappell fisser illi dawn ghandhom ikunu fil-gholi sabiex jirritorna l-*echo* tar-radar. Il-Kaptan Degabriele jixhed illi ma jistax jghid jekk r-radar refelctors kienux imqabbdin tajjeb. Peter Paul Spiteri jghid li kien hemm tmienja (8) fuq kull gagga. Il-Kaptan Becht jghid illi huwa ma ra l-ebda echoes ta` radar reflectors fuq ir-radar tal-bastiment tieghu ; kif ukoll illi ma ra l-ebda radar reflectors, la madwar il-fish farm u lanqas fuq il-gaggeg. Meta ra r-ritratti li allegatament juru radar reflectors huwa spjega li dawk huma zghar wisq. Skond Roberto Bregazzi ma kienx hemm radar reflectors. Il-Kaptan Grech jispjega li radar reflectors ma jistghu qatt ikunu fuq lasti. L-Ing Cardona stqarr illi hlief dawk mal-perimetru, ma kien hemm l-ebda radar reflectors mal-gaggeg.

**Huwa l-attur li jistabilixxi l-parametri tal-azzjoni. U l-konvenut**

**jiddefendi ruhu kontra l-azzjoni kif proposta mill-attur. Issa fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici ma marritx ghal semplici azzjoni ghal danni naxxenti minn *culpa aquiliana* skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili. Ghazla taghha s-socjeta` attrici marret ghal azzjoni fejn imputat lill-bastiment konvenut mhux *culpa aquiliana* semplici izda marret ghal grad aktar oghli ta` responsabilita` u cioe` dak ta` *traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli* u dan sabiex tittenta tikseb il-milja tal-pretensjoni taghha in linea ta` danni.**

Kemm jekk l-azzjoni attrici kienet dik ta` *culpa aquiliana* semplici, kif ukoll jekk hija kif inhi din tal-lum, l-oneru tal-prova tar-responsabilita` tal-bastiment konvenut jispetta lis-socjeta` attrici. Dan ghaliex huwa principju fondamentali tal-ligi rikonoxxjut bl-**Art 561 tal-Kap 12** illi l-obbligu tal-prova ta` l-fatt imiss dejjem lil min jaghmel l-allegazzjoni ta` dak il-fatt. Kwindi l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq l-attur : *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

Aktar kmieni l-Qorti ghamlet gabra tal-osservazzjonijiet taghha. Qieset b`reqqa l-assjem tal-provi skond il-kejl tal-bilanc ta` l-probabilitajiet. Il-konkluzjoni konsiderata ta` din il-Qorti hija li s-socjeta` attrici ma rnexxielhiex tipprova l-ewwel talba kif dedotta sal-grad rikjest mil-ligi. Filwaqt li tirreferi u ssostni l-osservazzjonijiet taghha, din il-Qorti tghid :-

a) Illi ghalkemm is-socjeta` attrici ghamlet kull sforz sabiex tittenta tattakka l-kredibilita` u allura l-attendibilita` tal-esperti *ex parte* tal-bastiment konvenut, it-tentattiv taghha ma kienx konvincenti ; ma kienx bizzejjed sabiex inissel fil-Qorti s-serenita` li dak mistqarr minnhom ma setax ikun affidabbli ; lanqas ma kien bizzejjed sabiex igib fiha c-certezza morali mill-verosimiljanza tat-tesi attrici.

b) Illi l-provi jiskolpaw lill-bastiment konvenut u lill-epwipagg tieghu *in primis* mhux biss mir-responsabilita` kwalifikata li hija l-bazi tal-ewwel talba izda anke mir-responsabilita` ta` *bonus paterfamilias* ghaliex fil-kaz tal-lum irrizulta li l-incident ma kienx kagun ta` nuqqas ta` *proper lookout* da parti tal-bastiment konvenut izda sehh minhabba serje ta` cirkostanzi kontingenti u konkomitanti mhux imputabbli ghal nuqqas tal-bastiment konvenut ; ewlenija fost dawn ic-cirkostanzi kien hemm id-dwal u r-radar reflectors inadegwati li spiccaw ineffikaci biex jiskansaw l-incident meta minhabba r-rih, tqawwa l-bahar u anke l-imbatt.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u**

**tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad it-talbiet attrici.**

**Tordna lis-socjeta` attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**